ITTRA ENĊIKLIKA

# *SPE SALVI*

Meħuda mill-Bullettin tal-
Arċidjoċesi ta’ Malta
Jannar – Frar 2008 – Ħarġa
Nru 148.  Paġni 3 - 101

Copyright © 2007 - Libreria Editrice Vaticana
00120 Città del Vaticano

Traduzzjoni Maltija
Copyright © 2008 ĊAK

Traduzzjoni ta'
*P. Edmund Teuma OFMConv.*

ISBN: 978-99909-47-87-6

***Nihil Obstat quod versionem***
die 4ª ianuarii 2008
sac. Hector Scerri
Cens. Theol.

***Imprimatur***
Datum in Curia Archiep.
Melit., Florianae,
die 5ª ianuarii 2008
+ Annetto Depasquale
Ep. Tit. Araditan.
Vic. Gen.

Reliġjon u Ħajja
ĊAK, Triq S. Sommier, Birkirkara BKR4611
Tel: +356 21498343
E-mail: info@cakmalta.org
www.cakmalta.org

*Issettjar:* ĊAK Graphics, Malta
*Stampat:* Velprint Ltd., Malta

# ITTRA ENĊIKLIKA

# *SPE SALVI*

TAL-PAPA

# BENEDITTU XVI

LILL-ISQFIJIET

LILL-PRESBITERI U LID-DJAKNI

LILL-PERSUNI TA' ĦAJJA KKONSAGRATA

U LIL-LAJĊI KOLLHA LI JEMMNU

FUQ IT-TAMA NISRANIJA

RELIĠJON U ĦAJJA
Dokumenti 1/185
Franġiskani Konventwali
2008

## *Daħla*

**1.** *"SPE SALVI facti sumus"* – aħna salvi bit-tama, jgħid San Pawl lir-Rumani u lilna wkoll (*Rum* 8: 24). Il-"fidwa", is-salvazzjoni, skond il-fidi Nisranija, m'hijiex sempliċement fatt. Il-fidwa ngħatatilna fis-sens li ngħatatilna t-tama, tama soda, li bis-saħħa tagħha nistgħu nħabbtu wiċċna mal-preżent: il-preżent, anki wieħed ta' tbatija, jista' jingħax u jintlaqa' jekk iwassal lejn quċċata u jekk minn dil-quċċata aħna nistgħu nkunu żguri, jekk dil-quċċata hi hekk kbira li tkun tistħoqqilha l-battikata tal-mixja. Issa malajr tiġi quddiemna l-mistoqsija: x'inhi din it-tama li tista' tiġġustifika l-istqarrija li tgħid li minnha, u sempliċement għax hemm hi, aħna nfdejna? U liema tip ta' ċertezza hi din?

## *Il-fidi hija tama*

**2.** Qabel ma nwieġbu dawn il-mistoqsijiet tagħna, li llum jinħassu b'mod partikulari, jeħtieġ li nerġgħu nisimgħu bi ftit aktar attenzjoni x-xhieda tal-Bibbja fuq it-tama.

"Tama", fis-sewwa, hija kelma-muftieħ tal-fidi biblika – tant li f'bosta siltiet il-kelmiet "fidi" u "tama" donnhom joqogħdu għal xulxin. Hekk naraw li l-*Ittra lil-Lhud* tgħaqqad mas-"sħuħija tal-fidi" (10: 22) l-"istqarrija qawwija tat-tama" (10: 23). Anki meta l-*Ewwel Ittra ta' Pietru* tħeġġeġ lill-Insara biex ikunu dejjem lesti jagħtu tweġiba fuq il-*logos* – is-sens u r-raġuni – tat-tama tagħhom (ara 3: 15), "tama" hija ekwivalenti għal "fidi". Kemm kien determinanti għall-għarfien ta' l-ewwel Insara l-fatt li rċevew don ta' tama soda, jidher ukoll fejn l-eżistenza Nisranija tidħol f'konfront mal-ħajja ta' qabel il-fidi jew mal-qagħda tas-segwaċi ta' reliġjonijiet oħra. Pawlu jfakkar lill-Efesin kif, qabel il-laqgħa tagħhom ma' Kristu, kienu "bla tama u bla Alla fid-dinja" (*Efes* 2: 12). Ma għandniex xi ngħidu, hu kien jaf li kellhom xi allat, li kellhom reliġjon, iżda l-allat tagħhom kienu diskutibbli u mill-miti kontradittorji tagħhom ma kienet toħroġ ebda tama. Minkejja l-allat, huma kienu "bla Alla" u għaldaqstant kienu jinsabu f'dinja mudlama, quddiem ġejjieni sewdieni. *"In nihil ab nihilo quam cito recidimus"* (Mix-xejn għax-xejn kemm naqgħu malajr)[1] jgħid epitaffju ta' dak

[1] *Corpus Inscriptionum Latinarum,* vol. VI, n. 26003.

iż-żmien – kliem li fih jidher mingħajr dawrien mal-lewża dak li fuqu jagħti ħjiel San Pawl. Bl-istess tifsira huwa jgħid lit-Tessalonkin: Ma għandkomx "issewdu qalbkom bħall-oħrajn li ma għandhomx tama" (*1 Tes* 4: 13). Hawn ukoll jidher bħala element distintiv ta' l-Insara l-fatt li huma għandhom ġejjieni: mhux li jafu bl-għeruq u x-xniexel dak li hemm jistenniehom, imma kollox ma' kollox jafu li ħajjithom ma tintemmx fix-xejn. Hu biss meta l-ġejjieni hu ċert bħala realtà pożittiva, li l-preżent ukoll isir jista' jingħax. Għalhekk issa nistgħu ngħidu: il-Kristjaneżmu ma kienx biss "aħbar tajba" – kumnikazzjoni ta' kontenuti li sa dak il-waqt ma kinux magħrufa. Bil-lingwaġġ tagħna ngħidu: il-messaġġ Nisrani m'huwiex biss "informattiv", iżda "performattiv". Dan ifisser: il-Vanġelu m'huwiex biss kumnikazzjoni ta' ħwejjeġ li wieħed jista' jsir jafhom, iżda huwa kumnikazzjoni li tipproduċi l-fatti u tbiddel il-ħajja. Il-bieb mudlam taż-żmien, tal-ġejjieni, infetaħ beraħ. Min għandu t-tama jgħix b'mod differenti; 'il dan ingħatatlu ħajja ġdida.

**3.** Issa, iżda, toħroġ il-mistoqsija: fiex tikkonsisti din it-tama, li bħala tama, hija "fidwa"? Sewwa: il-qofol tat-tweġiba nsibuh fis-silta ta' l-*Ittra lill-Efesin* li semmejna fuq: l-

Efesin, qabel ma ltaqgħu ma' Kristu kienu bla tama, għax kienu "bla Alla fid-dinja". Li naslu li nagħrfu lil Alla – lil Alla l-veru, dan ifisser li ningħataw it-tama. Għalina li minn dejjem għexna bil-kunċett Nisrani ta' Alla u drajna bih, il-pussess tat-tama, li jiġi mil-laqgħa reali ma' Alla, kważi ma nħossuhx. L-eżempju ta' qaddisa ta' żmienna jista' b'xi mod jgħinna nifhmu xi tfisser li titlaqa' għall-ewwel darba u realment ma' Alla. Qed naħseb fuq l-Afrikana Ġużeppina Bakhita, li kkanonizzaha l-Papa Ġwanni Pawlu II. Twieldet lejn is-sena 1869 – hi stess ma kinitx taf id-data preċiża – f'Darfur, fis-Sudan. Meta kellha disa' snin ħatfuha t-traffikanti ta' l-ilsiera, sawtuha, xerrdulha demmha u bigħuha ħames darbiet fis-swieq tas-Sudan. Fl-aħħar, bħala lsira sabet ruħha fis-servizz ta' omm u ta' mart ġeneral u hemm kull jum kienet taqla' s-swat sa ma joħorġilha d-demm; minħabba f'hekk tul ħajjitha kollha baqgħu jidhru f'ġisimha 144 sinjal tal-ġrieħi. Fl-aħħar, fl-1882 xtraha merkant Taljan għall-konslu Taljan Callisto Legnani, li quddiem l-invażjoni tas-segwaċi tal-Maħdi, reġa' lejn l-Italja. Hawnhekk, wara "sidien" daqshekk ħorox li tagħhom sa dak il-waqt hi kienet proprjetà, Bakhita kellha "sid" differenti għal kollox – bid-djalett Venezjan, li

issa kienet tgħallmitu, kienet issejjaħ "paron" lil Alla l-ħaj, lil Alla ta' Ġesù Kristu. Sa dak il-waqt kellha biss sidien jew padruni li kienu jkasbruha u jittrattawha ħażin, jew l-aktar kienu jqisuha lsira ma tiswa għal xejn. Issa, iżda, kienet tisma' 'l min jgħidilha li jeżisti "paron" li hu 'l fuq mis-sidien kollha, is-Sinjur tas-sinjuri kollha, u li dan is-Sinjur hu tajjeb, it-tjubija nfisha. Saret taf li das-Sinjur kien jaf lilha wkoll, ħalaq lilha wkoll – anzi li kien iħobbha. Hi wkoll kienet maħbuba, u sewwasew mill-"Paron" suprem, li quddiemu s-sidien l-oħrajn kollha huma biss qaddejja li ma jiswew għal xejn. Hi kienet magħrufa u maħbuba u kienet mistennija. Anzi das-Sid ħabbat wiċċu hu nnifsu mad-destin li jkun imsawwat u issa kien qiegħed jistennieha "fin-naħa tal-lemin ta' Alla l-Missier". Issa hi kellha t-"tama" – mhux aktar dik it-tama biss li ssib sidien anqas ħorox, imma t-tama l-kbira: jiena maħbuba għal dejjem u jiġri x'jiġri, din l-Imħabba qiegħda tistennieni. U għalhekk ħajti hija tajba. Permezz tal-għarfien ta' din it-tama hija kienet "mifdija", ma ħassithiex aktar ilsira, iżda bint ħielsa ta' Alla. Fehmet dak li ried ifisser Pawlu meta fakkar lill-Efesin li qabel kienu bla tama u bla Alla fid-dinja – bla tama għax bla Alla. Għalhekk meta riedu

jerġgħu jeħduha lejn is-Sudan, Bakhita ma riditx; ma riditx terġa' tinfired mill-"Paron" tagħha. Fid-9 ta' Jannar 1890, hija tgħammdet, għamlet il-Griżma ta' l-Isqof u rċeviet l-Ewwel Tqarbina minn idejn il-Patrijarka ta' Venezja. Fit-8 ta' Diċembru 1896, f'Verona, għamlet il-professjoni tal-voti fi ħdan il-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Kanossjani u minn dak iż-żmien – flimkien mal-ħidmiet tagħha fis-sagrestija u l-portinerija tal-kunvent – fittxet l-aktarnett permezz ta' bosta vjaġġi fl-Italja li tgħin lill-missjoni: il-ħelsien li ħadet bil-laqgħa ma' Alla ta' Ġesù Kristu, ħasset li kellha tferrxu, kellu jingħata wkoll lill-oħrajn, lill-akbar għadd possibbli ta' persuni. It-tama, li twieldet għaliha u "fdietha", ma setgħetx iżżommha għaliha; din it-tama kellha tilħaq lil ħafna, lil kulħadd.

### *Il-kunċett ta' tama mibnija fuq il-fidi fit-Testment il-Ġdid u fil-Knisja ta' l-ewwel żminijiet*

**4.** Qabel ma nwieġbu l-mistoqsija jekk il-laqgħa ma' Alla li fi Kristu wriena Wiċċu u fetħilna Qalbu tistax tkun għalina wkoll mhux biss "informattiva", imma wkoll "performattiva", jiġifieri jekk tistax tbiddlilna ħajjitna hekk li

nħossuna mifdijin permezz tat-tama li hi tfisser, ejjew induru għal darb'oħra lejn il-Knisja ta' l-ewwel żminijiet. M'hijiex ħaġa tqila li tifhem li l-esperjenza ta' l-ilsira Afrikana ċkejkna hija wkoll l-esperjenza ta' ħafna persuni msawtin u kkundannati għall-jasar fi żmien it-twelid tal-Kristjaneżmu. Il-Kristjaneżmu ma ġabx messaġġ soċjali-rivoluzzjonarju bħal dak li bih Spartaku, bi ġlied imdemmem, ma seħħlux iwassal. Ġesù ma kienx Spartaku, ma kienx ġellied għal ħelsien politiku, bħal Barabba jew Bar-Kochba. Dak li Ġesù, li hu nnifsu miet fuq is-salib, ġab kien xi ħaġa differenti għal kollox: il-laqgħa ma' Sid is-sidien kollha, il-laqgħa ma' Alla l-ħaj u għalhekk il-laqgħa ma' tama li kienet aqwa mit-tbatijiet tal-jasar u li għaldaqstant kienet tbiddel minn ġewwa l-ħajja u d-dinja. Dak li ġara mill-ġdid jidher b'ċarezza mill-aqwa fl-*Ittra* ta' San Pawl *lil Filemon*. Hija ittra personali għall-aħħar, li Pawlu kiteb fil-ħabs u ħallieha f'idejn Onesimu, ilsir li kien ħarab minn sidu, li kien dan Filemon. Iva, Pawlu jerġa' jibgħat l-ilsir għand sidu li minnu ħarab, u dan jagħmlu mhux b'amar, imma b'talba: "Qiegħed nitolbok bil-ħerqa għal ibni, li jiena nissilt fil-ktajjen... Jiena bgħatthulek lura, lilu, bħallikieku bgħattlek qalbi stess... Għandu mnejn li għalhekk hu telaq minn miegħek għal ftit, biex

inti terġa' tiksbu lura għal dejjem, mhux aktar bħala lsir, imma xi ħaġa aktar minn ilsir, bħala ħuk għażiż" (*Film* 10-16). Il-bnedmin, li skond l-istat ċivili tagħhom, iqisu 'l xulxin bħala sidien u lsiera, billi huma membri ta' Knisja waħdanija saru aħwa ta' xulxin – hekk isejħu 'l xulxin l-Insara. Bis-saħħa tal-Magħmudija huma reġgħu tnisslu mill-ġdid, imtlew bl-istess Spirtu u rċevew flimkien, wieħed ħdejn l-ieħor, il-Ġisem tal-Mulej. Anki jekk l-istrutturi ta' barra baqgħu l-istess, dan biddel is-soċjetà minn ġewwa. Jekk l-*Ittra lil-Lhud* tgħid li l-Insara hawn isfel ma għandhomx għamara għal dejjem, iżda huma jfittxu 'l dik li għad trid tiġi (ara *Lhud* 11: 13-16; *Fil* 3: 20), dan m'huwiex sempliċement tħollija ta' kollox għal xi darba fil-ġejjieni: is-soċjetà preżenti l-Insara jagħrfuha bħala soċjetà improprja; huma jħossuhom membri ta' soċjetà ġdida, li lejha jinsabu resqin f'mixja, u li fil-pellegrinaġġ tagħhom iħossu li din diġà waslet.

**5.** Jeħtieġ li nżidu punt ieħor. L-*Ewwel Ittra lill-Korintin* (1: 18-31) turina li biċċa kbira ta' l-Insara kienu mill-klassijiet soċjali baxxi, u sewwasew għalhekk, kienu miftuħin għall-esperjenza tat-tama l-ġdida, kif iltqajna magħha fl-eżempju ta' Bakhita. B'danakollu sa mill-bidu kien hemm ukoll konverżjonijiet mill-

klassijiet aristokratiċi u kolti. Għax fis-sewwa dawn ukoll kienu jgħixu "bla tama u bla Alla fid-dinja". Il-mit kien tilef il-kredibbiltà tiegħu; ir-reliġjon ta' l-Istat Ruman kienet saret sempliċi ċerimonjal, li kien isir bir-reqqa, iżda kien ridott għal "reliġjon politika". Ir-razzjonaliżmu filosofiku kien tefa' l-allat fil-qasam ta' l-irreali. Id-Divin kienu jħarsu lejh b'modi diversi fil-qawwiet kożmiċi, iżda Alla li kont tista' titolbu ma kienx jeżisti. Pawlu jfisser il-problematika essenzjali tar-reliġjon ta' dak iż-żmien b'mod approprjat għall-aħħar, meta jagħmel kuntrast bejn ħajja "skond Kristu" u ħajja maħkuma mill-qawwa tal-"prinċipji tad-dinja" (*Kol* 2: 8). F'dal-kuntest jista' jdawwalna test ta' San Girgor Nazjanzenu. Hu jgħid li f'dak il-waqt li fih il-maġi mmexxijin mill-kewkba qiemu lis-sultan il-ġdid Kristu, wasal tmiem l-astoloġija, għax issa l-istilel iduru fuq l-orbita mfassla minn Kristu.[2] Tant hu hekk li f'dix-xena nqaleb ta' taħt fuq il-kunċett tad-dinja ta' dak iż-żmien, li b'mod differenti llum reġa' feġġ mill-ġdid. M'humiex il-prinċipji tad-dinja, il-liġijiet tal-materja li fl-aħħar mill-aħħar jiggvernaw id-dinja u l-bniedem, iżda Alla personali hu dak li

[2] Ara *Poemi dogmatici,* V, 53-64: PG 37, 428-429.

jiggverna l-kwiekeb, jiġifieri l-univers; mhux il-liġijiet tal-materja u ta' l-evoluzzjoni jgħidu l-aħħar kelma, iżda raġuni, rieda, imħabba – Persuna. U jekk nafu din il-Persuna u Hi taf lilna, mela s-setgħa qawwija tal-prinċipji materjali ma għandhomx jgħidu l-aħħar kelma; mela ma aħniex ilsiera ta' l-univers u tal-liġijiet tiegħu, mela aħna ħielsa. Dan il-għarfien fil-qedem ta lill-erwieħ sinċieri d-determinazzjoni li jfittxu. Is-sema ma kienx vojt. Il-ħajja m'hijiex sempliċi prodott tal-liġijiet jew tal-każwalità tal-materja, iżda f'kollox u fl-istess ħin 'il fuq minn kollox hemm rieda personali, hemm Spirtu li f'Ġesù ntwera bħala Mħabba.[3]

**6.** Is-sarkofagi tal-bidu tal-Kristjaneżmu juru bid-dieher dan il-kunċett – quddiem il-mewt, li quddiemha l-kustjoni dwar it-tifsira tal-ħajja ma tistax tinħarab. Il-figura ta' Kristu fuq is-sarkofagi antiki hija mfissra fuq kollox permezz ta' żewġ xbihat: dik tal-filosofu u dik tar-ragħaj. B'filosofija dak iż-żmien, b'mod ġenerali, ma kinux jifhmu dixxiplina akkademika diffiċli, kif nifhmu biha llum. Il-filosfu kien aktarx dak li kien jaf jgħallem l-arti essenzjali: l-arti li tkun bniedem b'mod rett – l-

[3] Ara *Katekiżmu tal-Knisja Kattolika,* n. 1817-1821.

arti tal-għajxien u tal-mewt. Ċertament il-bnedmin kienu ilhom żmien li għarfu li l-biċċa l-kbira ta' dawk li kienu jiġġerrew u jgħidu li huma filosfi, mgħallmin tal-ħajja, kienu biss ċarlatani li bi kliemhom kienu jaqilgħu l-flus, filwaqt li fuq il-ħajja vera ma kellhom xejn xi jgħidu. Għalhekk aktar kienu jfittxu l-filosfu veru li jaf tabilħaqq juri t-triq tal-ħajja. Lejn tmiem it-tielet seklu niltaqgħu għall-ewwel darba f'Ruma, fuq is-sarkofagu ta' tifel żgħir, fil-kuntest tal-qawmien ta' Lazzru, mal-figura ta' Kristu bħala filosfu veru li f'idu jżomm il-Vanġelu u fl-oħra l-ħatar ta' pellegrin, proprju tal-filosfu. B'dan il-ħatar tiegħu huwa jirbaħ il-mewt; il-Vanġelu jġorr il-verità li l-filosfi pellegrini kienu jfittxuha għal xejn. F'din ix-xbieha, li mbagħad għal żmien twil baqgħet tidher fl-arti tas-sakofagi, jidher ċar dak li l-persuni kolti bħal dawk sempliċi kienu jsibu fi Kristu: hu fir-realtà jgħidilna min hu l-bniedem u x'għandu jagħmel biex ikun tabilħaqq bniedem. Huwa jurina t-triq u din it-triq hija l-verità. Hu nnifsu hu kemm il-waħda u kemm l-oħra, u għalhekk hu wkoll il-ħajja li aħna lkoll qegħdin infittxuha. Huwa juri wkoll it-triq lil hinn mill-mewt; dak biss li jista' jagħmel dan, hu tabilħaqq mgħallem tal-ħajja. L-istess ħaġa tidher fix-xbieha tar-ragħaj. Bħal fir-

rappreżentazzjoni tal-filosfu, fil-figura tar-ragħaj il-Knisja ta' l-ewwel żminijiet setgħet tintrabat ma' mudelli li jeżistu fl-arti Rumana. Hemm, ir-ragħaj b'mod ġenerali kien espressjoni tal-ħolma ta' ħajja serena u sempliċi, li tagħha n-nies fil-għagħa tal-bliet il-kbar kellha n-nostalġija. Issa x-xbieha kienet tinqara fi ħdan xenarju ġdid li kien jagħtiha kontenut aktar profond: "Il-Mulej hu r-ragħaj tiegħi, xejn ma jonqosni... Imqar jekk nimxi f'wied mudlam, ma nibżax mill-ħsara, għax inti miegħi..." (*S* 23 [22]: 1, 4). Ir-ragħaj veru huwa dak li jaf ukoll it-triq li tgħaddi mill-wied tal-mewt; dak li saħansitra fuq it-triq ta' l-aħħar solitudni, li fiha ħadd ma' jista' jseħibni, jimxi miegħi u jmexxini biex naqsamha: hu nnifsu mexa din it-triq, niżel fis-saltna tal-mewt, rebaħha u reġa' ġie biex iseħibna issa u jaċċertana li, flimkien miegħu, nistgħu nsibu t-triq. L-għarfien li hu jeżisti u li sa jseħibni saħansitra sal-mewt u li l-"ħatar tiegħu u l-għasluġ tiegħu jwennsuni", u għalhekk "ma nibżax mill-ħsara" (ara *S* 23 [22]: 4) – din kienet it-"tama" l-ġdida li qamet fuq ħajjet dawk li jemmnu.

**7.** Jeħtieġ għal darb'oħra nerġgħu lejn it-Testment il-Ġdid. Fil-kapitlu 11 ta' l-*Ittra lil-Lhud* (v. 1) insibu tip ta' definizzjoni tal-fidi li

tgħaqqad sfiq din il-virtù mat-tama. Madwar il-kelma-muftieħ ta' din il-frażi sa minn żmien ir-Riforma nħolqot disputa bejn l-eseġeti, li fiha donnu llum qed tinfetaħ it-triq għal interpretazzjoni komuni. Għalissa sa nħalli dil-kelma-muftieħ fl-ilsien li fih inkitbet. Il-frażi tgħid hekk: "Il-fidi hija *hypostasis* tal-ħwejjeġ li nittamaw; prova tal-ħwejjeġ li ma jidhrux." Għall-Missirijiet u t-teoloġi taż-Żminijiet tan-Nofs kienet ħaġa ċara li l-kelma Griega *hypostasis* kellha tinqaleb bil-Latin bil-kelma *substantia*. It-traduzzjoni Latina tat-test, li saret fil-Knisja tal-qedem, għalhekk tgħid: *"Est autem fides sperandarum substantia rerum, argumentum non apparentium"* – il-fidi hija s-"sustanza" tal-ħwejjeġ li nittamaw; il-prova tal-ħwejjeġ li ma jidhrux. Tumas ta' Aquino,[4] filwaqt li jinqeda bit-terminoloġija tat-tradizzjoni filosofika, dan ifissru hekk: il-fidi hija *"habitus"*, jiġifieri dispożizzjoni kostanti tar-ruħ, li bis-saħħa tagħha l-ħajja ta' dejjem tibda fina u r-raġuni tasal biex taċċetta dak li hi ma tarahx. Il-kunċett ta' "sustanza" mela jinbidel fis-sens li permezz tal-fidi, fil-bidu, nistgħu ngħidu bħallikieku "f'żerriegħa" – mela skond is-"sustanza" – hemm diġà preżenti fina

[4] *Summa Theologiae,* II-II$^{ae}$, q. 4, a. 1.

l-ħwejjeġ li nittamaw: hemm kollox, il-ħajja vera. U sewwasew għax il-ħaġa nfisha hi diġà preżenti, din il-preżenza ta' dak li għandu jiġi toħloq ċertezza: din il-"ħaġa" li għandha tiġi għadha ma tidhirx minn barra, iżda minħabba l-fatt li bħala realtà tal-bidu u dinamika, aħna nġorruha ġo fina, diġà minn issa jkollna xi perċezzjoni tagħha. Lil Luteru, li ma tantx kien iħares b'simpatija lejn l-*Ittra lil-Lhud,* il-kunċett ta' "sustanza", fil-kuntest ta' kif kien iħares hu lejn il-fidi, ma kien jgħid xejn. Għalhekk huwa fehem il-kelma *ipostasi/ sustanza* mhux f'sens oġġettiv (ta' realtà preżenti fina), imma f'sens suġġettiv, bħala espressjoni ta' atteġġament ġewwieni, u għalhekk, naturalment, kellu jifhem il-kelma *argumentum* bħala dispożizzjoni tas-suġġett. Din l-interpretazzjoni – għallanqas fil-Ġermanja – fis-seklu għoxrin daħlet ukoll fl-eseġeżi Kattolika, u għaldaqstant it-traduzzjoni ekumenika bl-ilsien Tedesk tat-Testment il-Ġdid, imwettqa mill-Isqfijiet, tgħid: *"Glaube aber ist: Feststehen in dem, was man erhofft, Überzeugtsein von dem, was man nicht sieht"* (il-fidi hi: li wieħed iżomm sod ma' dak li jittama, u jkun konvint minn dak li ma jidhirx). Dan fih innifsu mhux żbaljat; iżda din m'hijiex it-tifsira tas-silta, għax il-kelma Griega li

ntużat (*elenchos*) ma għandiex il-valur suġġettiv ta' "konvinzjoni", imma dak oġġettiv ta' "prova". Bir-raġun għalhekk l-eseġeżi Protestanta reċenti waslet għal konvinzjoni differenti: "Issa iżda ma jistax ikollna dubju li din l-interpretazzjoni Protestanta, li saret klassika, ma tistax tinżamm."[5] Il-fidi m'hijiex biss ħarsa personali lejn il-ħwejjeġ li għad iridu jiġu iżda li għadhom assenti għal kollox; hi tagħtina xi ħaġa. Tagħtina diġà minn issa xi ħaġa mir-realtà mistennija, u din ir-realtà preżenti ssir għalina "prova" tal-ħwejjeġ li għadhom ma jidhrux. Hija tiġbed lejn il-preżent il-ġejjieni, b'mod li dan ta' l-aħħar m'huwiex aktar għal kollox il-"mhux-għalissa". Il-fatt li dal-ġejjieni jeżisti jbiddel il-preżent; il-preżent jintmess mir-realtà tal-ġejjieni, u b'hekk il-ħwejjeġ tal-ġejjieni jinbidlu f'dawk preżenti u l-preżenti f'dawk tal-ġejjieni.

**8.** Din it-tifsira tissaħħaħ aktar u tidher f'rabta mal-ħajja konkreta, jekk ngħarblu l-versett 34 tal-għaxar kapitlu ta' l-*Ittra lil-Lhud,* li mill-aspett lingwistiku u kontenutistiku, hu marbut ma' din id-definizzjoni ta' fidi mimlija bit-tama u jħejjiha. Hawn il-kittieb ikellem lil

[5] H. Köster, *ThWNT,* VIII (1969) 585.

dawk li jemmnu li għaddew mill-esperjenza tal-persekuzzjoni u jgħidihom: "Intom doqtu t-tbatijiet tal-ħabsin u lqajtu bil-ferħ li tkunu mneżżgħin mill-ġid (*hyparchonton* – Vg: *bonorum*), għax kontu tafu li għandkom ġid aqwa (*hyparxin* – Vg: *substantiam*) li ma jintemmx." *Hyparchonta* huma l-proprjetajiet, dak li fil-ħajja ta' din l-art huwa s-sostentament, sewwasew il-bażi, is-"sustanza" għall-ħajja li fuqha nistgħu nserrħu. Din is-"sustanza", is-sigurezza normali tal-ħajja, tneħħiet mingħand l-Insara f'dik il-persekuzzjoni. Dan huma ġerrgħuh għax qiesu li din is-sustanza materjali ma tiswiex. Setgħu jħalluha, għaliex sabu "bażi" aħjar għall-eżistenza tagħhom – bażi li tibqa' u li ħadd ma jista' jneħħiha. Ma nistgħux ma narawx ir-rabta li hemm bejn dawn iż-żewġ għamliet ta' "sustanza", bejn is-sostentament jew il-bażi materjali u l-istqarrija tal-fidi bħala "bażi", bħala "sustanza" li tibqa'. Il-fidi tagħti lill-ħajja bażi ġdida, sies ġdid li fuqu l-bniedem jista' jserraħ u b'hekk is-sies abitwali, is-serħan fuq il-qligħ materjali, isir relattiv. Jinħoloq ħelsien ġdid quddiem dan is-sies tal-ħajja li apparentement jista' jagħti s-sostentament, anki jekk it-tifsira normali tiegħu b'daqshekk fiż-żgur m'hijiex miċħuda. Dan il-ħelsien ġdid,

l-għarfien tas-"sustanza" l-ġdida li ngħatatilna, deher mhux biss fil-martirju, li fih il-persuni opponew is-setgħa qawwija ta' l-ideoloġija u ta' l-organi politiċi tagħha, u permezz ta' mewthom ġeddu d-dinja. Huwa deher fuq kollox fiċ-ċaħdiet il-kbar ibda mill-irħieb tal-qedem sa Franġisk ta' Assisi u san-nies ta' żmienna, li fl-Istituti u l-Movimenti reliġjużi moderni, għall-imħabba ta' Kristu ħallew kollox biex iwasslu lill-bnedmin il-fidi u l-imħabba ta' Kristu, biex jgħinu l-persuni li jbatu fil-ġisem u fir-ruħ. Hemm is-"sustanza" l-ġdida kienet imġarrba tabilħaqq bħala "sustanza", mit-tama ta' dawn in-nies mimsusa minn Kristu ħarġet tama għall-oħrajn li kienu jgħixu fid-dlam u bla tama. Hemm intwera li din il-ħajja l-ġdida għandha tabilħaqq "sustanza" u "sustanza" li tagħti l-ħajja lill-oħrajn. Għalina li nħarsu lejn dawn il-figuri, din l-imġiba u dan l-għajxien tagħhom huma fis-sewwa "prova" tal-ħwejjeġ tal-ġejjieni, il-wegħda ta' Kristu m'hijiex biss realtà mistennija, iżda preżenza vera: huwa tabilħaqq il-"filosfu" u r-"ragħaj" li jurina x'inhi u fejn hi l-ħajja.

**9.** Biex nifhmu aktar fil-fond din ir-riflessjoni fuq iż-żewġ għamliet ta' sustanza – *hypostasis* u *hyparchonta* – u fuq iż-żewġ modi

ta' ħajja mfissrin bihom, irridu nerġgħu naħsbu fil-qosor fuq żewġ kelmiet li għandhom rabta mas-suġġett. Dawn jinsabu fil-għaxar kapitlu ta' l-*Ittra lil-Lhud*. Huma l-kelmiet *hypomone* (10: 36) u *hypostole* (10: 39). *Hypomone* normalment nittraduċuha "sabar" – perseveranza, kostanza. Din li tkun taf tistenna u ġġerragħ bis-sabar it-tiġrib hi ħaġa meħtieġa għal min jemmen biex ikun jista' "jikseb il-ħwejjeġ imwiegħda" (ara 10: 36). Fil-ħajja reliġjuża tal-Ġudaiżmu l-qadim din il-kelma kienet użata sewwasew għall-istennija ta' Alla karatteristika ta' Israel: mela perseveranza fil-fedeltà lejn Alla, imsejsa fuq iċ-ċertezza tal-Patt, f'dinja li tikkontradiċi lil Alla. Għalhekk il-kelma tindika tama megħjuxa, ħajja msejsa fuq iċ-ċertezza tat-tama. Fit-Testment il-Ġdid din l-istennija ta' Alla, dan il-qgħad fuq in-naħa ta' Alla jikseb tifsira ġdida: fi Kristu deher Alla. Hu ġa wasslilna s-"sustanza" tal-ħwejjeġ tal-ġejjieni, u b'hekk l-istennija ta' Alla tikseb ċertezza ġdida. Hija stennija tal-ħwejjeġ tal-ġejjieni bi tluq minn preżent diġà mogħti. Hija stennija, fil-preżenza ta' Kristu, ma' Kristu preżenti, tat-temma ta' Ġismu, b'ħarsa lejn il-miġja definittiva tiegħu. B'*hypostole,* min-naħa l-oħra, titfisser it-tneħħija ta' min ma jazzardax jgħid

bil-miftuħ u bis-sinċerità l-verità aktarx perikoluża. Dan il-ħabi quddiem il-bnedmin minħabba l-biża' minnhom iwassal għat-"telfien" (*Lhud* 10: 39). "Alla ma taniex spirtu ta' biża', imma Spirtu ta' qawwa, ta' mħabba u ta' rażan" – hekk, min-naħa l-oħra, it-*Tieni Ittra lil Timotju* (1: 7) tikkaratterizza b'espressjoni sabiħa l-atteġġament bażiku tan-Nisrani.

### *Il-ħajja ta' dejjem – x'inhi?*

**10.** S'issa tkellimna fuq il-fidi u fuq it-tama fit-Testment il-Ġdid u fil-bidu tal-Kristjaneżmu; imma dejjem deher ċar li ma aħniex nitkellmu biss fuq l-imgħoddi; ir-riflessjoni sħiħa tinteressa l-għajxien u l-mewt tal-bniedem b'mod ġenerali u għalhekk tinteressa lilna wkoll hawn u issa. B'danakollu issa jeħtiġilna nistaqsu b'mod espliċitu: il-fidi Nisranija hi għalina wkoll illum tama li tbiddel u twieżen ħajjitna? Hi għalina "performattiva" – messaġġ li jagħġen b'mod ġdid il-ħajja nfisha, jew saret biss "informazzjoni", li sadattant warrabnieha għax tidhrilna superata minn informazzjonijiet aktar reċenti? Fit-tiftix għal tweġiba nixtieq nitlaq mill-għamla klassika tad-djalogu li bih ir-rit tal-Magħmudija kien

ifisser il-laqgħa tat-tarbija fil-komunità ta' dawk li jemmnu u t-twelid tagħha mill-ġdid fi Kristu. Il-qassis qabel xejn kien jistaqsi lill-ġenituri x'isem għażlu għat-tarbija, imbagħad kien jissokta bil-mistoqsija: "X'titlob mill-Knisja?" Tweġiba: "Il-fidi." "U x'tagħtik il-fidi?" "Il-ħajja ta' dejjem." Permezz ta' dan id-djalogu l-ġenituri kienu jfittxu għat-tarbija d-dħul fil-fidi, l-għaqda ma' dawk li jemmnu, għax fil-fidi kienu jaraw il-muftieħ għall-"ħajja ta' dejjem". Tant hu hekk, li llum bħallbieraħ, dan hu li nfittxu fil-Magħmudija, meta nsiru Nsara: m'huwiex biss att ta' soċjalizzazzjoni fi ħdan il-komunità, mhux sempliċement wieħed jintlaqa' fil-Knisja. Il-ġenituri jistennew xi ħaġa aktar għal min qed jitgħammed: jistennew li l-fidi, li minnha hi parti is-sħuħija tal-Knisja u tas-sagramenti tagħha, tagħtih il-ħajja – il-ħajja ta' dejjem. Il-fidi hija s-sustanza tat-tama. Imma issa tqum il-mistoqsija: Dan aħna tabilħaqq irriduh – ngħixu għal dejjem? Aktarx li llum ħafna nies jirrifjutaw il-fidi sempliċement għaliex il-ħajja ta' dejjem ma tidhrilhomx ħaġa li jixtiquha. Ma jridux il-ħajja ta' dejjem, imma dik preżenti, u l-fidi fil-ħajja ta' dejjem tidher, għal dan il-għan, aktarx xkiel. Li tibqa' tgħix għal dejjem – mingħajr tmiem – tidher aktar kundanna milli don. Il-mewt tabilħaqq wieħed

jixtieq jittardjaha kemm jista' jkun. Iżda li tgħix għal dejjem, mingħajr tmiem – dan, fl-aħħar mill-aħħar, jista' jisfa biss ta' dwejjaq u fl-aħħar isir insopportabbli. Hu sewwasew dan li, ngħidu aħna, jgħid Ambroġ, wieħed minn Missirijiet il-Knisja, fid-diskors fuq il-mewt ta' ħuh Satiru: "Hu minnu li l-mewt ma kinitx tagħmel parti min-natura, imma hi saret realtà tan-natura; tant li Alla fil-bidu ma waqqafx il-mewt, iżda taha bħala rimedju... Minħabba fil-ħtija, ħajjet il-bnedmin bdiet issir miżerabbli bit-tbatija ta' kull jum u bil-biki li ma jinfelaħx. Kien hemm il-ħtieġa li jintemm il-ħażen, biex il-mewt terġa' tagħti dak li l-ħajja kienet tilfet. L-immortalità hija toqol aktar milli vantaġġ, jekk ma ddawwalhiex il-grazzja."[6] Qabel dan Ambroġ kien qal: "Il-mewt ma għandhiex nibkuha għax minnha tiġi s-salvazzjoni..."[7]

**11.** Ried x'ried jgħid eżattament Sant'Ambroġ b'dawn il-kelmiet, hu minnu li t-tneħħija tal-mewt jew ukoll it-tħollija tagħha għal żmien kważi bla limiti, iddaħħal id-dinja u l-bniedem f'qagħda impossibbli u ma tagħti ebda benefiċċju lanqas lil bniedem wieħed. Ma għandniex xi

[6] *De excessu fratris sui Satyri,* II, 47: CSEL 73: 274.
[7] Ibid, II, 46: CSEL 73: 273.

ngħidu, fl-atteġġament tagħna hemm kontradizzjoni, li terġa' teħodna lejn kontraditorjetà ġewwiena fl-istess eżistenza tagħna. Minn naħa, ma rridux immutu; fuq kollox min iħobbna ma jridniex immutu. Minn oħra, fuq kollox, lanqas ma rridu nibqgħu neżistu għal żmien bla limiti u anki din l-art ma nħalqitx għal dan. Mela x'irridu tabilħaqq? Dan il-paradoss ta' l-istess atteġġament tagħna jqajjem mistoqsija aktar profonda: fis-sewwa, x'inhi l-"ħajja"? Xi tfisser sewwasew l-"eternità"? Hemm waqtiet li fihom jiġuna perċessjonijiet f'daqqa waħda: iva, huwa sewwasew dan – il-"ħajja" vera – hekk suppost għandha tkun. Bil-maqlub, dik li aħna ordinarjament insejħulha "ħajja", fis-sewwa m'hijiex. Wistin fl-ittra twila tiegħu fuq it-talb li kiteb lil Proba, armla Rumana sinjura u omm tliet konsli, darba minnhom kiteb: Fl-aħħar mill-aħħar irridu ħaġa waħda – "ħajja bla nkwiet", ħajja li hi sempliċement ħajja, sempliċement "feliċità". Fl-aħħar mill-aħħar ma nitolbu xejn aktar fit-talb. Ma ninsabu mexjin lejn imkien ħlief lejn dan – dan hu kollu. Iżda mbagħad Wistin jgħid ukoll: jekk inħarsu sew, ma nafux x'nixtiequ fl-aħħar mill-aħħar, x'irridu sewwasew. Din ir-realtà ma nafuha xejn; anki f'dawk il-waqtiet li fihom naħsbu li qegħdin immissuha ma nilħquhiex tabilħaqq. "Anqas biss

nafu nitolbu kif imiss," huwa jistqarr b'kelma ta' San Pawl (*Rum* 8: 26). Dak li nafu hu biss li m'huwiex dan. B'danakollu, bil-għarfien nafu li din ir-realtà għandha teżisti. Jikteb: "Hemm mela fina, biex ngħidu hekk, injoranza għarfa" (*docta ignorantia*). Ma nafux x'irridu tabilħaqq; ma nafux x'inhi din il-"ħajja vera"; u b'danakollu nafu, li għandu jkun hemm xi ħaġa li aħna ma nafuhiex u li lejha nħossuna mixħutin.[8]

**12.** Naħseb li Wistin hemm jiddeskrivi b'mod preċiż ħafna u dejjem validu l-qagħda tal-bniedem, il-qagħda li minnha jiġu l-kontradizzjonijiet u t-tamiet kollha tiegħu. B'xi mod nixtiequ l-ħajja nfisha, dik vera, li mbagħad ma tmissha lanqas il-mewt; iżda fl-istess ħin ma nafux dak li lejh inħossuna mixħutin. Ma nistgħux nieqfu milli mmilu lejh u b'danakollu nafu li dak kollu li nistgħu nħossu jew nagħmlu m'huwiex dak li nixtiequ. Din il-"ħaġa" mhux magħrufa hija t-"tama" vera li tmexxina u l-fatt li m'hijiex magħrufa hu fl-istess ħin il-kawża tad-disperazzjonijiet kollha kif ukoll ta' kull tefgħa pożittiva jew distruttiva lejn id-dinja awtentika u lejn il-bniedem awtentiku. Il-kelma "ħajja ta' dejjem" tfittex li tagħti isem lil din ir-

[8] Ara Ep. 130 *Ad Probam* 14: 25-15: 28: CSEL 44: 68-73.

realtà mhux magħrufa li nafu biha. Neċessarjament hija kelma insuffiċjenti li toħloq it-taħwid. "Etern", fis-sewwa, iġibilna l-idea ta' dak li hu mingħajr tmiem, u dan ibeżżagħna; "ħajja" iġġagħalna naħsbu fil-ħajja li nafu aħna, li nħobbuha u ma rridux nitilfuha u li, b'danakollu, sikwit hi fl-istess ħin aktar tbatija milli sodisfazzjon, għalhekk filwaqt li minn naħa nixtiquha, minn oħra ma rriduhiex. Nistgħu biss infittxu li noħorġu bi ħsiebna mit-temporalità li tagħha aħna priġunieri u b'xi mod inħossu li l-eternità m'hijiex ġirja ta' ġranet tal-kalendarju wara xulxin, iżda xi ħaġa bħall-ogħla waqt ta' sodisfazzjon, li fih tħaddanna t-totalità u aħna nħaddnu lilha. Hu l-waqt li fih nogħdsu fil-baħar wiesa' ta' l-imħabba infinita, li fiha ż-żmien – ta' qabel u ta' wara – ma jeżistix aktar. Nistgħu biss infittxu li naħsbu li dan il-waqt huwa l-ħajja fit-tifsira sħiħa, għadis dejjem ġdid fil-wisa' tal-kewn, filwaqt li nkunu sempliċement mimlija bil-hena. Hekk ifissru dan Ġesù fil-Vanġelu ta' Ġwanni: "Għad nerġa' narakom u qalbkom tifraħ" (16: 22). Jeħtieġ naħsbu b'dan il-mod jekk irridu nifhmu x'inhu l-għan tat-tama Nisranija, x'aħna nistennew mill-fidi, mill-qagħda tagħna ma' Kristu.[9]

[9] Ara *Katekiżmu tal-Knisja Kattolika,* n. 1025.

## *It-tama Nisranija hi individwalistika?*

**13.** Fil-mixja tal-ġrajja tagħhom, l-Insara fittxu li jfissru dan il-għarfien li ma jafx fi xbihat rappreżentabbli, filwaqt li żviluppaw xbihat tas-"sema" li jibqgħu dejjem 'il bogħod minn dak li nafuh biss b'mod negattiv, permezz tan-nuqqas ta' għarfien. Dawn it-tentattivi kollha ta' raffigurazzjoni tat-tama taw lil ħafna, fil-mixja tas-sekli, il-ħeġġa li jgħixu fuq is-sies tal-fidi u li għalhekk jitilqu wkoll il-*"hyparchonta"* tagħhom, is-sustanzi materjali għall-eżistenza tagħhom. Il-kittieb ta' l-*Ittra lil-Lhud,* fil-kapitlu ħdax ta ħjiel ta' speċi ta' ġrajja ta' dawk li jgħixu bit-tama u tal-fatt li huma jinsabu f'mixja, ġrajja li minn Abel tasal sa żmienu. Minn dan it-tip ta' tama fiż-żmien modern qamet kritika dejjem aktar ħarxa: dan hu individwaliżmu pur, li jitlaq id-dinja fil-miżerja tagħha u jsib kenn biss b'salvazzjoni eterna privata. Henri de Lubac, fid-daħla tax-xogħol fundamentali tiegħu *"Catholicisme. Aspects sociaux du dogme",* ġabar xi ilħna karatteristiċi ta' dan il-ġeneru li wieħed minnhom jistħoqqlu jinstema': "Sibtu l-hena? Le... Sibt l-hena tiegħi. U din hi ħaġa wisq differenti... L-hena ta' Ġesù jista' jkun individwali. Jista' jkun ta' persuna waħda, u hi

tkun salva. Tkun fis-sliem..., issa u dejjem, imma tkun waħedha. Din is-solitudni fil-hena ma tħawwadhiex. Bil-maqlub: hi tkun, fis-sewwa, il-magħżula! Fil-hena tagħha tgħaddi mit-taqbid b'warda f'idha."[10]

**14.** Dwar dan, de Lubac, huwa u jserraħ fuq it-teoloġija ta' Missirijiet il-Knisja fil-wisa' kollu tagħha, seta' juri li s-salvazzjoni kienet dejjem meqjusa bħala realtà komunitarja. L-istess *Ittra lil-Lhud* titkellem fuq "belt" (ara 11: 10, 16; 12: 22; 13: 14) u għalhekk salvazzjoni komunitarja. B'mod koerenti, Missirijiet il-Knisja jifhmu d-dnub bħala qerda tal-għaqda tal-ġeneru uman, bħala qsim u firda. Babel, imkien it-taħwid ta' l-ilsna u tal-firda, tidher bħala espressjoni ta' dak li fil-għeruq huwa d-dnub. U għaldaqstant il-"fidwa" tidher sewwasew bħala t-twaqqif mill-ġdid tal-għaqda, li fiha nsibu ruħna mill-ġdid flimkien f'għaqda li sseħħ fil-komunità dinjija ta' dawk li jemmnu. Mhux meħtieġ hawn li nduru s-siltiet kollha, li fihom jidher il-karattru komunitarju tat-tama. Nibqgħu fuq l-*Ittra lil Proba* li fiha Wistin jipprova juri ftit din ir-realtà mhux magħrufa li nafu biha u li aħna

[10] Jean Giono, *Les vraies richesses* (1936), Préface, Paris 1992, p. 18-20, f': Henri de Lubac, *Catholicisme. Aspects sociaux du dogme,* Paris 1938, p. VII.

qegħdin infittxu. L-ispunt li jitlaq minnu hu sempliċement l-espressjoni "ħajja hienja". Imbagħad jikkwota *Salm* 144 [143]: 15: "Hieni l-poplu li l-Mulej hu Alla tiegħu." U jissokta: "Biex tkun tista' ssir parti minn dan il-poplu u tasal... għall-ħajja dejjiema ma' Alla, 'l-iskop ta' din it-twissija hu l-imħabba li toħroġ minn qalb safja, minn kuxjenza tajba u minn fidi sinċiera' (*1 Tim* 1: 5)."[11] Din il-ħajja vera, li lejha dejjem infittxu li naslu, tinsab marbuta mal-kewn fil-għaqda eżistenzjali ma' "poplu" u tista' sseħħ għal kull wieħed biss fi ħdan dan il-poplu li jsir "aħna". Hija tistenna qabel kollox il-ħruġ mill-ħabs tal-"jien", għax biss fil-ftuħ ta' dan is-suġġett universali tinfetaħ ukoll il-ħarsa fuq l-għajn tal-hena, fuq l-imħabba nfisha – fuq Alla.

**15.** Din il-viżjoni tal-"ħajja hienja" li tħares lejn il-komunità veru li għandha bħala għan xi ħaġa lil hinn mid-dinja preżenti, imma sewwasew b'dan il-mod hi għandha x'taqsam mal-bini tad-dinja – f'għamliet differenti ħafna, skond il-kuntest storiku u l-possibbiltajiet li dan jagħti jew iħalli barra. Fi żmien Wistin, meta l-invażjoni ta' popli ġodda kienet qed thedded l-għaqda tad-dinja, li fiha

[11] Ep. 130 *Ad Probam* 13: 24: CSEL 44: 67.

kienet tingħata ċerta garanzija tad-dritt u tal-ħajja f'komunità ġuridika, kienet kustjoni ta' tisħiħ tas-sisien ta' din il-komunità ta' u sliem, biex wieħed seta' jibqa' jgħix fit-tibdil tad-dinja. Ejjew nixħtu ħarsa, aktarx bl-addoċċ, fuq żmien il-Medjuevu li f'ċerti aspetti kien emblematiku. Fil-għarfien komuni, il-monasteri kienu jidhru bħala mkejjen tal-ħarba mid-dinja (*"contemptus mundi"*) u tat-twarrib mir-responsabbiltà lejn id-dinja fit-tiftix tas-salvazzjoni privata. Bernard ta' Clairvaux, li bl-Ordni riformat tiegħu ġibed kotra ta' żgħażagħ lejn il-monasteri, kellu fuq dan viżjoni differenti. Fil-ħsieb tiegħu, l-irħieb kellhom ħidma b'riżq il-Knisja kollha u għalhekk ukoll b'riżq id-dinja. B'ħafna xbihat huwa juri r-responsabbiltà ta' l-irħieb lejn l-organiżmu kollu tal-Knisja, anzi len l-umanità; għalihom japplika l-kelma tal-Psewdo-Rufinu: "Il-ġeneru uman jgħix bis-saħħa ta' ftit; kieku ma kinux huma, id-dinja tintilef..."[12] Il-kontemplattivi – *contemplantes* – għandhom isiru ħaddiema ta' l-art – *laborantes* –, jgħidilna. In-nobbiltà tax-xogħol, li l-Kristjaneżmu wiret mill-Ġudaiżmu, kienet diġà ħarġet fir-regoli monastiċi ta' Wistin u Benedittu. Bernard jerġa' jaqbad dan

[12] *Sententiae* III, 118: CCL 6/2: 215.

il-kunċett. Iż-żgħażagħ nobbli li kienet jersqu lejn il-monasteri tiegħu kellhom imilu għax-xogħol ta' l-idejn. Fis-sewwa, Bernard jgħid ċar u tond li lanqas il-monasteru ma jista' jdewwaq minn qabel il-Ġenna; jgħid iżda li, daqslikieku kien imkien ta' tisħiħ prattiku u spiritwali, għandu jħejji l-Ġenna l-ġdida. Qasam selvaġġ ta' bosk isir għammiel sewwasew huma u jitneħħewlu fl-istess ħin is-siġar tas-suppervja u jitqaċċat dak kollu li jikber selvaġġ fl-erwieħ u titħejja l-art, li fuqha jista' jitkattar il-ħobż għall-ġisem u għar-ruħ.[13] Ma aħniex naraw mill-ġdid, sewwasew fil-ġrajja attwali, li ebda strutturazzjoni pożittiva tad-dinja ma tista' sseħħ hemm fejn l-erwieħ isiru slavaġġ?

## *Il-bidla tal-fidi-tama Nisranija fiż-żmien modern*

**16.** Kif setgħet tiżviluppa l-idea li l-messaġġ ta' Ġesù huwa għal kollox individwalistiku u hu mmirat għas-singlu? Kif wasalna biex infissru s-"salvazzjoni tar-ruħ" bħala ħarba quddiem ir-responsabbiltà għall-għaqda flimkien, u għalhekk inqisu l-programm tal-Kristjaneżmu bħala tiftix egoistiku tas-salvazzjoni u ma

[13] Ara ibid. III, 71: CCL 6/2: 107-108.

nilqgħuhx bħala qadi lill-oħrajn? Biex insibu tweġiba għal din il-mistoqsija rridu nixħtu ħarsitna fuq dak li jsawwar is-sisien taż-żmien modern. Dan jidher ċar ħafna fi Francis Bacon. Li bis-saħħa tal-kixfa ta' l-Amerika u tar-rebħiet fil-qasam tat-teknika, li taw sehemhom fl-iżvilupp, bdiet epoka ġdida hi ħaġa li ħadd ma jista' jmeriha. Izda fuq xiex inhi mibnija din il-bidla li seħħet fiż-żmien? Hija r-rabta l-ġdida bejn l-esperiment u l-metodu li għandha l-ħila tasal biex tfisser in-natura bi qbil mal-liġijiet tagħha u b'hekk fl-aħħar tikseb "ir-rebħa ta' l-arti fuq in-natura" (*victoria cursus artis super naturam*).[14] In-novità – skond il-viżjoni ta' Bacon – tinsab f'rabta ġdida bejn xjenza u prassi. Dan imbagħad kien applikat teoloġikament ukoll: din ir-rabta l-ġdida bejn xjenza u prassi tfisser li l-ħakma fuq il-ħolqien, mogħtija minn Alla u mitlufa bid-dnub tan-nisel – terġa' tkun stabbilita.[15]

**17.** Min jaqra dawn l-istqarrijiet u jaħseb fuqhom bid-dehwa, jagħraf fihom bidla tal-għaġeb: sa dak il-waqt il-kisba mill-ġdid ta' dak li l-bniedem kien tilef bit-tkeċċija mill-Għeden

[14] *Novum Organum* I: 117.
[15] Ara ibid., I: 129.

kienet mistennija bil-fidi f'Ġesù Kristu, u f'dan dehret il-"fidwa". Issa din il-"fidwa", il-kisba mill-ġdid tal-"ġenna" mitlufa, m'hijiex mistennija aktar bil-fidi, imma bir-rabta li għadha kif inkixfet bejn xjenza u prassi. Mhux li l-fidi, b'daqshekk, qed tkun sempliċement miċħuda; hi aktarx titqiegħed fuq livell ieħor – dak tal-ħwejjeġ privati li huma 'l fuq mill-art – u fl-istess ħin issir b'xi mod irrilevanti għad-dinja. Din il-viżjoni programmatika ddeterminat il-mixja taż-żminijiet moderni u qed tinfluwenza wkoll il-kriżi attwali tal-fidi, li b'mod konkret, hija fuq kollox kriżi tat-tama Nisranija. B'hekk, f'Bacon, it-tama wkoll tingħata għamla ġdida. Issa tissejjaħ: fidi fil-progress. Għal Bacon, fis-sewwa, huwa ċar li l-kixfiet u l-invenzjonijiet li jkunu għadhom kif saru huma biss bidu; li bis-saħħa tas-sinerġija bejn xjenza u prassi għad isiru kixfiet ġodda għal kollox, għad tqum dinja ġdida għal kollox, is-saltna tal-bniedem.[16] Hekk huwa ppreżenta wkoll viżjoni ta' l-invenzjonijiet prevedibbli – sa l-ajruplan u s-sottomarin. Waqt l-iżvilupp l-ieħor ta' l-ideoloġija tal-progress, il-ferħ bil-mixi 'l quddiem tas-setgħat tal-bniedem jibqa' wetqa dejjiema tal-fidi fil-progress bħala tali.

[16] Ara *New Atlantis*.

**18.** Fl-istess ħin, jidħlu dejjem aktar finnofs żewġ kategoriji ta' l-idea tal-progress: irraġuni u l-libertà. Il-progress hu fuq kollox progress fil-ħakma dejjem tikber tar-raġuni u din ir-raġuni ovvjament titqies setgħa tal-ġid u għall-ġid. Il-progress huwa t-tmiem taddipendenza kollha – huwa progress lejn libertà sħiħa. Il-libertà wkoll wieħed iħares lejha biss bħala wegħda, li fiha l-bniedem iwettaq lilu nnifsu lejn is-sħuħija tiegħu. Fiż-żewġ kunċetti – il-libertà u r-raġuni – hemm preżenti aspett politiku. Fis-sewwa, is-saltna tar-raġuni hija mistennija bħala l-qagħda l-ġdida ta' l-umanità li saret ħielsa għal kollox. Il-qagħdiet politiċi ta' saltna bħal din tar-raġuni u l-libertà, b'danakollu, ma' l-ewwel daqqa ta' għajn jidhru definiti ftit wisq. Raġuni u libertà jidhru jiggarantixxu minnhom infushom, bis-saħħa tat-tjubija li hemm fihom, komunità umana ġdida u perfetta. Fiż-żewġ kunċetti-mfietaħ ta' "raġuni" u "libertà", iżda, il-ħsieb taċitament imur ukoll dejjem f'kuntrast mar-rabtiet tal-fidi u tal-Knisja, kif ukoll mar-rabtiet ta' l-ordinamenti statali ta' dak iż-żmien. Iż-żewġ kunċetti għalhekk iġorru fihom infushom potenzjal rivoluzzjonarju ta' qawwa esplużiva bla tarf.

**19.** Jeħtieġ nitfgħu ħarsa qasira fuq żewġ tappi essenzjali tal-konkretizzazzjoni politika ta' din it-tama, għax huma ta' importanza kbira għall-mixja tat-tama Nisranija, għall-għarfien tagħha u għall-persistenza tagħha. Hemm qabel xejn ir-Rivoluzzjoni Franċiża bħala tentattiv biex titwaqqaf il-ħakma tar-raġuni u tal-libertà issa wkoll b'mod politikament reali. L-Ewropa ta' l-Illuminiżmu, għall-ewwel, ħarset lejn dawn il-ġrajjiet bil-għoġba, imma quddiem l-iżviluppi tagħhom kellha mbagħad tirrifletti b'mod ġdid fuq ir-raġuni u l-libertà. Sinifikattivi għaż-żewġ fażijiet ta' kif wieħed jilqa' dak li ġara fi Franza hemm żewġ kitbiet ta' Immanuel Kant, li fihom hu jirrifletti fuq il-ġrajjiet. Fl-1792 kiteb l-opra: *"Der Sieg des guten Prinzips über das böse und die Gründung eines Reiches Gottes auf Erden"* (Ir-rebħa tal-prinċipju t-tajjeb fuq dak ħażin u t-twaqqif ta' saltna ta' Alla fuq l-art). Fiha hu jgħid: "Il-passaġġ gradwali mill-fidi ekkleżjastika għall-ħakma esklużiva tal-fidi safja reliġjuża jikkostitwixxi l-miġja tas-saltna ta' Alla."[17] Jgħidilna wkoll li r-rivoluzzjonijiet jistgħu iħaffu ż-żminijiet ta' dan il-passaġġ mill-fidi ekkleżjastika għall-fidi razzjonali. Is-"saltna ta'

[17] F'*Werke* IV, ed. W. Weischedel (1956): 777.

Alla", li fuqha tkellem Ġesù hawn ħadet definizzjoni ġdida kif ukoll preżenza ġdida; teżisti, biex ngħidu hekk, "stennija immedjata" ġdida: is-"saltna ta' Alla" tasal hemm fejn il-"fidi ekkleżjastika" tkun superata u tidħol minflokha l-"fidi reliġjuża", jiġifieri permezz tal-fidi razzjonali. Fl-1795, fil-kitba *"Das Ende aller Dinge"* (It-tmiem ta' kollox) tidher xbieha mibdula. Issa Kant iqis il-possibbiltà li maġenb it-tmiem naturali ta' kollox, iseħħ ieħor ħażin kontra n-natura. Fuq dan jikteb: "Kieku l-Kristjaneżmu xi darba jasal biex ma tkunx tistħoqqlu aktar l-imħabba... il-ħsieb ħakkiem tal-bnedmin ikollu jsir dak ta' ċaħda u ta' oppożizzjoni kontrieh; u l-antikrist... jiftaħ il-ħakma qasira tiegħu (aktarx imsejsa fuq il-biża' u l-egoiżmu). Imbagħad, iżda, għad li l-Kristjaneżmu li kien iddestinat biex ikun ir-reliġjon universali, fis-sewwa id-destin ma jgħinux biex isir hekk, jista' jseħħ, taħt l-aspett morali, it-tmiem (ħażin) ta' kollox."[18]

**20.** Fis-seklu dsatax ma naqsitx il-fidi fil-progress bħala għamla ġdida tat-tama tal-bniedem u r-raġuni u l-libertà baqgħu jitqiesu bħala l-kwiekeb-mexxejja fit-triq tat-tama. Il-

[18] I. Kant, *Das Ende aller Dinge,* f'*Werke* VI, ed. W. Weischedel (1964): 190.

mixja dejjem aktar mgħaġġla ta' l-iżvilupp tekniku u l-industrijalizzazzjoni marbuta miegħu, b'danakollu, ħolqu malajr ħafna qagħda soċjali ġdida għal kollox: issawret il-klassi tal-ħaddiema ta' l-industrija u l-hekk imsejjaħ "proletarjat industrijali", li l-kundizzjonijiet terribbli tal-ħajja li ġab miegħu, Friedrich Engels fl-1845 uriehom b'mod allarmanti. Għall-qarrej kellha tkun ħaġa ċara: dan ma jistax jibqa' sejjer; jeħtieġ li ssir bidla. Imma l-bidla kienet sa theżheż u taqleb l-istruttura sħiħa tas-soċjetà borgiża. Wara r-rivoluzzjoni borgiża ta' l-1789 kienet waslet is-siegħa għal rivoluzzjoni oħra, dik proletarja: il-progress ma setax sempliċement jimxi 'l quddiem b'mod lineari u b'passi żgħar. Kienet meħtieġa l-qabża rivoluzzjonarja. Karl Marx ġabar is-sejħa tal-mument, u b'saħħa ta' lingwaġġ u ta' ħsieb, fittex li jagħti bidu lil dan il-pass il-kbir il-ġdid, u kif kien jgħid, definittiv fl-istorja lejn is-salvazzjoni – lejn dak li Kant kien fissru bħala is-"saltna ta' Alla". Ladarba l-verità tal-ħajja taż-żmien li ġej kienet miċħuda, issa kien hemm il-ħtieġa li tkun stabbilita l-verità tal-ħajja ta' issa. Il-kritika tas-sema nbidlet fi kritika ta' l-art, il-kritika tat-teoloġija fi kritika tal-politika. Il-progress lejn l-aħjar, lejn id-dinja definittivament tajba, ma jiġix

sempliċement mix-xjenza, imma mill-politika – minn politika maħsuba b'mod xjentifiku, li taf tagħraf l-istruttura ta' l-istorja u tas-soċjetà u b'hekk turi t-triq lejn ir-rivoluzzjoni, lejn il-bidla ta' kollox. Bi preċiżjoni f'waqtha, anki jekk b'mod unilateralment parzjali, Marx iddeskriva l-qagħda ta' żmienu u wera b'ħila analitika kbira t-toroq lejn ir-rivoluzzjoni – mhux biss teoretikament: bil-partit Komunista, li twieled mill-manifest Komunista ta' l-1848, huwa bdieha wkoll b'mod konkret. Il-wegħda tiegħu, bis-saħħa tar-reqqa ta' l-analiżi u ta' l-indikazzjoni ċara tal-għodod għall-bidla mill-għeruq, saħħret u għadha ssaħħar dejjem mill-ġdid. Ir-rivoluzzjoni mbagħad saret ukoll b'mod aktar radikali fir-Russja.

**21.** Iżda flimkien mar-rebħa tiegħu deher ċar ukoll l-iżball fundamentali ta' Marx. Huwa wera eżatt kif għandha ssir it-taqliba. Iżda ma qalilniex kif imbagħad kienu sa jimxu l-affarijiet. Hu ħaseb li sempliċement bit-tneħħija tal-ġid minn idejn il-klassi tal-ħakkiema, bil-waqgħa tas-setgħa politika u bis-soċjalizzazzjoni tal-mezzi tal-produzzjoni kienet sa sseħħ Ġerusalemm il-Ġdida. Imbagħad suppost li l-kontradizzjonijiet kellhom jiġu fix-xejn, il-bniedem u d-dinja suppost li fl-aħħar

kellhom isibu posthom. Għalhekk kollox kellu jimxi waħdu fit-triq it-tajba, għax kollox kien sa jkun ta' kulħadd u lkoll suppost li kellhom iridu l-ġid lil xulxin. U hekk, wara li sseħħ ir-rivoluzzjoni, Lenin kellu jintebaħ li fil-kitbiet ta' l-imgħallem ma kien hemm ebda indikazzjoni kif sa jmexxu. Iva, Marx kien tkellem fuq il-fażi intermedja tad-dittatura tal-proletarjat bħala ħtieġa li, iżda, f'ħin ieħor waħedha kienet sa turi ruħha bla bżonn. Din il-"fażi intermedja" nafuha tajjeb ħafna u nafu wkoll kif żviluppat, mhux talli ma ħarġitx għad-dawl id-dinja perfetta, anzi ħalliet warajha qerda tal-biża'. Marx mhux biss naqas li juri kif did-dinja l-ġdida kellha taħdem – ta' dan mhux suppost li kien baqa' ħtieġa. Li hu dwar dan ma jgħid xejn huwa riżultat loġiku ta' l-impostazzjoni tiegħu. L-iżball tiegħu jinsab aktar fil-fond. Huwa nesa li l-bniedem jibqa' dejjem bniedem. Nesa l-bniedem u nesa l-libertà tiegħu. Nesa li l-libertà tibqa' dejjem libertà, anki għall-ħażen. Emmen li, ladarba l-ekonomija titqiegħed f'postha, kollox isib postu. L-iżball veru tiegħu hu l-materjaliżmu: il-bniedem, fis-sewwa, m'huwiex biss il-prodott ta' kundizzjonijiet ekonomiċi u ma tistax ittejbu biss minn barra billi toħloqlu kundizzjonijiet ekonomiċi tajbin.

**22.** B'hekk erġajna sibna ruħna quddiem il-mistoqsija: x'nistgħu nittamaw? Jeħtieġ issir awtokritika taż-żmien modern fi djalogu mal-Kristjaneżmu u mal-kunċett tiegħu ta' tama. Fi djalogu bħal dan anki l-Insara, fil-kuntest tal-għarfien tagħhom u ta' l-esperjenzi tagħhom, iridu jitgħallmu mill-ġdid fiex tikkonsisti tabilħaqq it-tama tagħhom, x'għandhom x'joffru lid-dinja u x'inhu dak li ma jistgħux joffru. Jeħtieġ li fl-awtokritika taż-żmien modern ikun hemm ukoll awtokritika tal-Kristjaneżmu modern, li għandu dejjem jitgħallem mill-ġdid jifhem lilu nnifsu u jitlaq minn għeruqu stess. Fuq dan hawnhekk jista' jkollna biss xi ħjiel. L-ewwelnett irridu nistaqsu: x'ifisser tabilħaqq il-"progress"; xi jwiegħed u x'ma jwegħidx? Fis-seklu dsatax diġà kienet issir kritika tal-fidi fil-progress. Fis-seklu għoxrin, Theodor W. Adorno fformula l-problematiċità tal-fidi fil-progress b'mod drastiku: il-progress, meta narawh mill-qrib, huwa l-progress mill-iżbandola sal-bomba atomika. Issa din, fis-sewwa, hija naħa tal-progress li ma għandhiex tinħeba wara maskra. Fi kliem ieħor: l-ambigwità tal-progress tidher ċara. Bla dubju, hu joffri possibiltajiet ġodda għall-ġid, iżda jiftaħ ukoll possibiltajiet kbar għall-ħażen –

possibiltajiet li qabel ma kinux hemm. Aħna lkoll rajna kif il-progress f'idejn żbaljati jista' jsir, u tabilħaqq sar, progress tal-biża' fil-ħażen. Jekk mal-progress tekniku ma jkunx hemm progress fil-formazzjoni etika tal-bniedem, fil-kobor tal-bniedem ġewwieni (ara *Ef* 3: 16; *2 Kor* 4: 16), dak ma jkunx progress, imma theddida għall-bniedem u għad-dinja.

**23.** Għal dak li għandu x'jaqsam maż-żewġ temi l-kbar "raġuni" u "libertà", hawn nistgħu nagħtu biss ħjiel tal-kwistjonijiet li huma marbutin magħhom. Iva, ir-raġuni hija d-don kbir ta' Alla lill-bniedem, u r-rebħa tar-raġuni fuq in-nuqqas tagħha hija wkoll għan tal-fidi Nisranija. Imma meta jiġri li r-raġuni tieħu tabilħaqq il-ħakma f'idejha? Meta tinfired minn Alla? Meta ssir għamja għal Alla? Ir-raġuni tas-setgħa u tal-għemil hija r-raġuni sħiħa? Jekk il-progress biex ikun progress jeħtieġ l-iżvilupp morali tal-bniedem, mela r-raġuni tas-setgħa u tal-għemil trid ukoll malajr kemm jista' jkun tingħaqad permezz tal-ftuħ tar-raġuni mal-qawwiet salvifiċi tal-fidi, mal-għażla bejn it-tajjeb u l-ħażin. Hekk biss issir raġuni tabilħaqq umana. Issir umana biss jekk tkun tista' turi t-triq lir-rieda, u dan tkun tista' tagħmlu biss jekk tħares lil hinn minnha

nfisha. Inkella l-qagħda tal-bniedem, finnuqqas ta' bilanċ bejn is-setgħa materjali u n-nuqqas ta' ġudizzju f'qalbu, issir theddida għalih u għall-ħolqien. Hekk ukoll meta nitħaddtu dwar libertà, jeħtieġ niftakru li l-libertà tal-bniedem titlob dejjem konverġenza ta' libertajiet varji. Din il-konverġenza, b'danakollu, ma tistax isseħħ, jekk ma tkunx iddeterminata minn kriterju intrinseku komuni ta' qjies, li hu s-sies u l-għan tal-libertà tagħna. Ngħiduh issa b'mod sempliċi għall-aħħar: il-bniedem jeħtieġ lil Alla, inkella jibqa' mingħajr tama. Wara li nkunu rajna l-iżviluppi taż-żmien modern, l-istqarrija ta' San Pawl li ssemmiet fil-bidu (ara *Ef* 2: 12) tidher realistika ħafna u sempliċement vera. M'hemmx dubju, għalhekk, li "saltna ta' Alla" mingħajr Alla – saltna tal-bniedem waħdu – bilfors tintemm fit-"tmiem ħażin" ta' kollox kif jiddiskrivih Kant: dan rajnieh u dejjem qed nerġgħu narawh. Iżda m'hemmx dubju wkoll li Alla jidħol tabilħaqq fil-ħwejjeġ tal-bniedem jekk aktar milli jkun preżenti biss fi ħsiebna, hu nnifsu jiġi jiltaqa' magħna u jkellimna. Għalhekk ir-raġuni teħtieġ il-fidi biex tasal li tkun għal kollox hi nfisha: raġuni u fidi jeħtieġu 'l xulxin biex jilħqu l-milja tan-natura u l-missjoni tagħhom.

## *Is-sura vera tat-tama Nisranija*

**24.** Issa nerġgħu nistaqsu lilna nfusna: x'nistgħu nittamaw? U x'ma nistgħux nittamaw? L-ewwelnett jeħtieġ ngħidu li progress miżjud huwa possibbli biss fil-qasam materjali. Hawn, fil-għarfien dejjem jikber ta' l-istrutturi tal-materja u f'rabta ma' l-invenzjonijiet dejjem aktar avvanzati, hemm b'mod ċar kontinwità tal-progress lejn ħakma dejjem tikber tan-natura. Iżda fil-qasam tal-għarfien etiku u tad-deċiżjoni morali m'hemm possibbiltà bħal din għar-raġuni sempliċi li l-libertà tal-bniedem hija dejjem ġdida u trid dejjem tieħu d-deċiżjonijiet tagħha mill-ġdid. M'huma qatt meħudin għalina minn ħaddieħor – għax f'dak il-każ ma nkunux aktar ħielsa. Il-libertà trid li fid-deċiżjonijiet fundamentali ta' kull bniedem, kull nisel ikun bidu ġdid. Ċertament, il-ġenerazzjonijiet il-ġodda jistgħu jibnu fuq l-għarfien u l-esperjenzi ta' dawk li ġew qabilhom, bħalma jistgħu jieħdu mit-teżor morali ta' l-umanità kollha. Iżda jistgħu wkoll jiċħduh, għax hu ma jistax ikollu l-istess evidenza ta' l-invenzjonijiet materjali. It-teżor morali ta' l-umanità m'huwiex preżenti bħalma huma preżenti l-għodod li ninqdew bihom; huwa jeżisti bħala stedina għal-libertà u bħala possibbiltà tagħha. Iżda dan ifisser li:

*a)* il-qagħda tajba tal-ħwejjeġ umani, l-istat morali tajjeb tad-dinja qatt ma jista' jkun iggarantit sempliċement permezz ta' l-istrutturi, validi kemm ikunu validi. Dawn l-istrutturi m'humiex biss importanti, imma meħtieġa; b'danakollu dawn ma jistgħux iwarrbu l-libertà tal-bniedem. Anki l-aħjar strutturi jaħdmu biss jekk f'komunità hemm konvinzjonijiet ħajjin li jkunu jistgħu jimmottivaw lill-bnedmin biex jilqgħu b'mod ħieles l-ordni soċjali. Il-libertà teħtieġ konvinzjoni; konvinzjoni ma teżistix waħedha, iżda trid dejjem terġa' tintrebaħ mill-ġdid mill-komunità.

*b)* Billi l-bniedem jibqa' dejjem ħieles u billi l-libertà tiegħu hija wkoll dejjem fraġli, f'din id-dinja mhi sa titwaqqaf qatt is-saltna definittiva tal-ġid. Min iwiegħed dinja aħjar li tibqa' għal dejjem bla ma titreġġa' lura, ikun qed jagħmel wegħda falza; ma jkunx qiegħed iqis il-libertà tal-bniedem. Il-libertà għandha dejjem tintrebaħ mill-ġdid għall-ġid. L-għażla ħielsa tat-tajjeb qatt ma teżisti sempliċement fiha nfisha. Kieku kien hemm strutturi li jwaqqfu b'mod irrevokabbli qagħda tajba u determinata tad-dinja, il-libertà tal-bniedem tkun miċħuda, u għalhekk, fl-aħħar mill-aħħar, dawk ma jkunu strutturi tajba xejn.

**25.** Dan ifisser li t-tiftix iebes u dejjem ġdid ta' ordni tajjeb għall-ħwejjeġ umani huwa dmir ta' kull nisel; qatt ma hi biċċa xogħol lesta. Kull nisel, b'danakollu, għandu jagħti l-kontribut tiegħu biex iwaqqaf ordinamenti ta' libertà u ta' ġid b'saħħithom, li jgħinu lin-nisel li jiġi wara bħala orjentament għall-użu tajjeb tal-libertà umana u b'hekk jagħtu, dejjem fil-limiti umani, ċerta garanzija wkoll għall-ġejjieni. Fi kliem ieħor: l-istrutturi t-tajba jgħinu, iżda huma biss m'humiex biżżejjed. Il-bniedem ma jista' qatt jinfeda sempliċement minn barra. Francis Bacon u dawk li jżommu mal-kurrent tal-ħsieb taż-żmien modern imnebbaħ minnu, jiżbaljaw meta jżommu li l-bniedem jista' jinfeda permezz tax-xjenza. Bi stennija bħal din inkunu qed nitolbu żżejjed mix-xjenza; dan it-tip ta' tama jwassal fil-għelt. Ix-xjenza tista' tagħti palata ġmielha favur l-umanizzazzjoni tad-dinja u ta' l-umanità. Iżda hija tista' wkoll teqred il-bniedem u d-dinja, jekk ma jmexxuhiex qawwiet li jinsabu 'l barra minnha. Min-naħa l-oħra, irridu ngħidu wkoll li l-Kristjaneżmu modern, quddiem is-suċċessi tax-xjenza fl-istrutturazzjoni progressiva tad-dinja, kien fil-biċċa l-kbira kkonċentrat biss fuq l-individwu u fuq is-salvazzjoni tiegħu. B'hekk ċekken ix-xefaq tat-tama tiegħu u lanqas ma

għaraf biżżejjed il-kobor ta' ħidmietu – anki jekk kbir kien dak li baqa' jagħmel għall-formazzjoni tal-bniedem u għall-kura tad-dgħajfa u ta' dawk li jbatu.

**26.** M'hijiex ix-xjenza dik li tifdi l-bniedem. Il-bniedem jinfeda bl-imħabba. Dan jiswa wkoll fil-qasam tal-ħajja ta' issa. Meta wieħed f'ħajtu jgħaddi minn esperjenza ta' mħabba kbira, dak hu taħrik ta' "fidwa" li jagħti tifsira ġdida lil ħajtu. Iżda fis hu jifhem ukoll li l-imħabba mogħtija lilu waħedha ma tħollx il-problema ta' ħajtu. Hija mħabba li tibqa' dgħajfa. Il-mewt tista' teqridha. Il-bniedem jeħtieġ l-imħabba bla kundizzjonijiet. Jeħtieġ dik iċ-ċertezza li ġġagħlu jgħid: "La l-mewt u la l-ħajja, la l-anġli u la l-qawwiet, la ż-żmien t'issa u la ta' li ġej, la setgħat, la l-għoli u lanqas il-fond, u ebda ħliqa oħra ma jistgħu qatt jifirduna mill-imħabba ta' Alla li dehret fi Kristu Ġesù Sidna" (*Rum* 8: 38-39). Jekk teżisti din l-imħabba assoluta biċ-ċertezza assoluta tagħha, hemm biss il-bniedem hu "mifdi", jiġrilu x'jiġrilu fil-każ partikulari tiegħu. Dan hu li nifhmu meta ngħidu: Ġesù Kristu "fdiena". Permezz tiegħu sirna ċerti minn Alla – minn Alla li m'huwiex "l-ewwel kawża" li tinsab 'il bogħod mid-dinja, għax Ibnu l-waħdieni sar bniedem u fuqu kull wieħed

jista' jgħid: "Il-ħajja li issa ngħix fil-ġisem qiegħed ngħixha bil-fidi fl-Iben ta' Alla, li ħabbni u ta lilu nnifsu għalija" (*Gal* 2: 20).

**27.** F'das-sens hu minnu li min ma jafx lil Alla, għad li jista' jkollu bosta tamiet, fil-fondnett hu bla tama, bla tama kbira li twieżen il-ħajja kollha (ara *Ef* 2: 12). It-tama kbira u vera tal-bniedem, li jibqa' sħiħ minkejja d-delużjonijiet, tista' tkun biss Alla – Alla li ħabbna u għadu jħobbna "sa l-aħħar", "sat-tmiem" (ara *Ġw* 13: 1; 19: 30). Min jintmess mill-imħabba jibda jifhem x'inhi sewwasew il-"ħajja". Jibda jifhem xi tfisser il-kelma tat-tama li ltqajna magħha fir-rit tal-Magħmudija: mill-fidi nistenna l-"ħajja ta' dejjem" – il-ħajja vera, li minn ġewwa u mingħajr theddid, fis-sħuħija kollha tagħha hija sempliċement ħajja. Ġesù li dwaru nnifsu qal li ġie biex ikollna l-ħajja u ħajja sħiħa, bil-kotra (ara *Ġw* 10: 10), fissrilna wkoll xi tfisser "ħajja": "Din hi l-ħajja ta' dejjem, li jagħrfu lilek, Alla waħdek veru, u lil Ġesù Kristu, li inti bgħatt" (*Ġw* 17: 3). Il-ħajja fit-tifsira vera tagħha hi ħaġa li aħna ma jkollniex minna nfusna jew fina nfusna: hija relazzjoni. U l-ħajja fis-sħuħija kollha tagħha hija relazzjoni ma' dak li hu l-għajn tal-ħajja. Jekk għandna relazzjoni ma' dak li ma jmutx, li

hu l-Ħajja nfisha u l-Imħabba nfisha, mela aħna għandna l-ħajja. Mela "ngħixu".

**28.** Imma issa tqum il-mistoqsija: b'hekk ma rġajniex waqajna mill-ġdid fl-individwaliżmu tas-salvazzjoni, fit-tama li hi biss għalija, li mbagħad, għalhekk, m'hijiex tama vera, għax tinsa u ma tqisx lill-oħrajn? Le! Ir-relazzjoni ma' Alla ssir bil-għaqda ma' Ġesù – waħedna u bis-setgħat tagħna biss ma naslux. Iżda r-relazzjoni ma' Ġesù hija relazzjoni ma' dak li ta lilu nnifsu għall-ħelsien tagħna lkoll (ara *1 Tim* 2: 6). L-għaqda ma' Ġesù Kristu ddaħħalna fir-realtà li hu qiegħed hemm "għal kulħadd", u dan tagħmlu l-mod tar-realtà tagħna. Huwa jimpenjana għall-oħrajn, iżda biss bil-għaqda miegħu aħna nistgħu nkunu tabilħaqq għall-oħrajn, għall-għaqda. F'dal-kuntest nixtieq nikkwota d-duttur Grieg kbir tal-Knisja, San Massimu l-Konfessur (+ 662), li l-ewwel iħeġġeġ biex ma jitqiegħed xejn qabel l-għarfien u l-imħabba ta' Alla, imma mbagħad malajr jasal fil-prattika: "Min iħobb 'l Alla ma jistax iżomm il-flus għalih. Iqassmu b'mod 'divin' ... bl-istess mod skond il-qjies tal-ġustizzja."[19] Mill-imħabba lejn

[19] *Capitoli sulla carità, Centuria* 1, kap. 1: PG 90: 965.

Alla jiġi s-sehem fil-ġustizzja u t-tjieba ta' Alla lejn l-oħrajn; l-imħabba ta' Alla titlob il-libertà ġewwiena quddiem kull pussess u quddiem il-ħwejjeġ materjali kollha: l-imħabba ta' Alla tidher fir-responsabbiltà lejn l-ieħor.[20] L-istess rabta bejn l-imħabba ta' Alla u r-responsabbiltà lejn il-bnedmin nistgħu narawha b'mod li jmiss il-qalb fil-ħajja ta' Santu Wistin. Wara l-konverżjoni tiegħu għall-fidi Nisranija hu, flimkien ma' xi ħbieb ta' ideat jixxiebhu, ried jibda ħajja li tkun mogħtija kollha kemm hi għall-kelma ta' Alla u għall-ħwejjeġ eterni. Ried jgħix b'valuri Nsara l-ideal tal-ħajja kontemplattiva kif tfissirha l-filosofija Griega, filwaqt li b'hekk għażel "l-aħjar sehem" (ara *Lq* 10: 42). Iżda l-affarijiet imxew mod ieħor. Huwa u jisma' l-Quddiesa tal-Ħadd fil-belt portwali ta' Ippona, sejjaħlu l-Isqof minn qalb il-miġemgħa u ġagħlu jordna qassis biex jeżerċita l-ministeru saċerdotali f'dik il-belt. Huwa u jħares lura lejn dik is-siegħa hekk jikteb fl-*Istqarrijiet* tiegħu: "Dnubieti u t-toqol tal-miżerja tiegħi beżżgħuni, u qanqalt f'qalbi l-ħsieb li naħrab u mmur ngħix ħajja ta' waħdi. Imma int żammejtni u farraġtni, u għidtli li Kristu miet għal kulħadd, biex dawk li jgħixu

[20] Ara ibid.: PG 90: 962-966.

ma jgħixux għalihom infushom, imma għal dak li miet għalihom (ara *2 Kor* 5: 15).”[21] Kristu miet għal kulħadd. Tgħix għalih ifisser tħallih idaħħlek fir-“realtà tiegħu għal kulħadd”.

**29.** Għal Wistin dan kien ifisser ħajja kollha kemm hi ġdida. Darba hekk iddeskriva l-ħajja tiegħu ta’ kull jum: “Inwiddeb lil min hu bla rażan, infarraġ lil ta’ qalhom ċkejkna, inwieżen lid-dgħajfa, neħodha ma’ min jopponi, inħares lili nnifsi mill-ħajjiena, ngħallem lil min ma jafx, inħeġġeġ lil min jonqos minn dmiru, nikkalma lil min jiġġieled, illiġġem lill-ambizzjużi, inqawwi l-qlub ta’ dawk li tilfu t-tama, innissel il-paċi bejn il-mitlewma, ngħin lil min hu fil-ħtieġa, neħles lill-magħkusin, napprova lit-tajbin, inġerragħ lill-ħżiena u [x’waħda din!] inħobb lil kulħadd.”[22] “Hu l-Vanġelu li jbeżżagħni”[23] – dak il-biża’ b’saħħtu li ma jħalliniex ngħixu għalina nfusna u jwassalna nxandru t-tama komuni tagħna. Fis-sewwa, din kienet sewwasew l-intenzjoni ta’ Wistin: fil-qagħda mwiegħra ta’ l-imperu Ruman, li kien jhedded ukoll l-Afrika Rumana,

[21] *Conf.* X: 43; 70: CSEL 33: 279.
[22] *Sermo* 340: 3; PL 38: 1484; ara F. Van der Meer, *Augustinus der Seelsorger,* (1951), 318.
[23] *Sermo* X: 339: 4: PL 38, 1481.

u fi tmiem ħajjet Wistin, saħansitra qeridha, ix-xandir tat-tama – it-tama li kienet tiġih mill-fidi u li, f'kuntest sħiħ mat-temperament magħluq tiegħu, tah il-ħila li jieħu sehem b'mod deċiż u bil-qawwa kollha fil-bini tal-belt. Fl-istess kapitlu ta' l-*Istqarrijiet,* li fih għadna kif rajna l-mottiv deċiż ta' l-impenn tiegħu "għal kulħadd", huwa jgħid: Kristu, "jidħol għalina quddiemek. Mingħajru nitlef kull tama. Kotran u qawwi hu l-mard tiegħi, kotran u qawwi; iżda d-duwa tiegħek hi aqwa. Li kieku l-Verb tiegħek ma sarx bniedem u għammar fostna, konna ngħidu li hu mbiegħed wisq mill-għaqda magħna l-bnedmin, u għalhekk konna naqtgħu jiesna għal kollox."[24] Bis-saħħa tat-tama tiegħu, Wistin tħabat għan-nies sempliċi u għal beltu - ċaħad in-nobbiltà spiritwali tiegħu u pprietka u ħadem b'mod sempliċi għan-nies sempliċi.

**30.** Niġbru fil-qosor dak li s'issa ħareġ fl-iżvilupp tar-riflessjonijiet li għamilna. Il-bniedem għandu, mal-mixja taż-żmien, ħafna tamiet - żgħar jew kbar – diversi fi żminijiet diversi ta' ħajtu. Kultant jista' jidher li xi waħda minn dawn it-tamiet taqtagħlu xewqtu

[24] *Conf.* X: 43, 69; CSEL 33: 279.

għal kollox u ma jkunx jeħtieġ tamiet oħrajn. Fiż-żgħożija tista' tkun it-tama fi mħabba kbira li tissodisfa; it-tama f'xi pożizzjoni fil-professjoni, is-suċċess tal-waħda u ta' l-oħra jiddetermina l-bqija tal-ħajja. Iżda meta dawn it-tamiet iseħħu, jibda jidher ċar li dan, fir-realtà, ma kienx kollox. Issir ħaġa ċara li l-bniedem jeħtieġ tama li tmur lil hinn. Isir evidenti li tkun biżżejjed għalih xi ħaġa infinita, xi ħaġa li tkun dejjem aktar ta' dak li hu qatt jista' jilħaq. F'dan is-sens iż-żmien modern żviluppa tama fit-twaqqif ta' dinja perfetta, li bis-saħħa tal-għarfien tax-xjenza u ta' politika mwaqqfa xjentifikament, saret tidher li tista' sseħħ. B'hekk it-tama bibblika fis-saltna ta' Alla ħaditilha postha t-tama fis-saltna tal-bniedem, it-tama f'dinja aħjar li suppost kellha tkun il-vera "saltna ta' Alla". Din fl-aħħar dehret li hi t-tama kbira u realistika li jeħtieġha l-bniedem. Hi, għal xi żmien, kellha l-ħila tiġbor l-enerġiji kollha tal-bniedem; l-għan il-kbir deher li kien jixraqlu kull impenn. Iżda mal-mixja taż-żmien deher ċar li din it-tama tinsab imbiegħda dejjem aktar. L-ewwelnett kien mifhum li din kienet aktarx tama għall-bnedmin ta' ġejjieni mbiegħed, u mhux tama għalija. U billi l-kelma "għal kulħadd" tagħmel parti mit-tama l-kbira

– tant li ma nistax insir hieni kontra u mingħajr l-oħrajn – jibqa' minnu li tama li ma tmissx lili personalment lanqas ma hi tama vera. U saret ħaġa ċara li din kienet tama kontra l-libertà, għax il-qagħda ta' l-affarijiet umani tiddependi mill-ġdid f'kull nisel mid-deċiżjoni ħielsa tal-bnedmin. Jekk din il-libertà, minħabba l-kundizzjonijiet u l-istrutturi, tittieħed mingħandhom, id-dinja, fl-aħħar mill-aħħar, ma tkunx tajba, għax dinja bla libertà m'hi dinja tajba xejn. Għalhekk, għalkemm hu meħtieġ impenn ma jaqta' xejn għat-titjib tad-dinja, id-dinja aħjar ta' għada ma tistax tkun il-kontenut proprju u suffiċjenti tat-tama tagħna. U dejjem dwar dan wieħed jistaqsi: meta tkun "aħjar" id-dinja? X'inhu dak li jagħmilha tajba? B'liema kriterju nistgħu nqisu kemm hi tajba? U minn liema toroq nistgħu naslu għal din it-"tjubija"?

**31.** Aktar: aħna neħtieġu t-tamiet – żgħar jew kbar – li, jum wara jum, iżommuna mexjin. Iżda mingħajr it-tama l-kbira, li għandha tegħleb il-bqija, dawn m'humiex biżżejjed. Din it-tama l-kbira tista' tkun biss f'Alla, li jħaddan l-univers u li jista' jipproponilna u jagħtina dak li waħedna ma nistgħux nilħquh. Sewwasew għax dan jingħatalna bħala rigal huwa parti

mit-tama. Alla huwa s-sies tat-tama – mhux xi alla hu min hu, imma dak Alla li għandu wiċċ ta' bniedem u li ħabbna sa l-aħħar: kull wieħed u l-umanità kollha f'daqqa. Is-saltna tiegħu m'hijiex xi post immaġinarju lil hinn mill-mewt, post f'ġejjieni li ma jasal qatt; is-saltna tiegħu tinsab hemm fejn hu maħbub u fejn l-imħabba tiegħu tasal għandna. L-imħabba tiegħu biss tagħtina l-possibbiltà li nipperseveraw bir-ražan jum wara jum, mingħajr ma nitilfu l-ħeġġa tat-tama, f'dinja li, min-natura tagħha, hija imperfetta. U mħabbtu, fl-istess ħin, hija għalina rahan li jeżisti dak li nħossuh biss b'mod vag, u b'danakollu fl-intimu tagħna qed nistennewh: il-ħajja li hi "tabilħaqq" ħajja. Sa nfittxu li ninżlu aktar fil-konkret ta' din l-idea fl-aħħar taqsima, aħna u ndawru l-attenzjoni tagħna lejn xi "qagħdiet" ta' tagħlim prattiku u taħriġ tat-tama.

## *Mezzi ta' tagħlim u taħriġ tat-tama*

### I. It-talb bħala skola ta' tama

**32.** L-ewwel mezz essenzjali ta' tagħlim tat-tama huwa t-talb. Jekk ħadd ma għadu jismagħni, Alla jibqa' jismagħni. Jekk ma nista'

nitkellem ma' ħadd, ma nista' nsejjaħ lil ħadd, lil Alla nista' nkellmu dejjem. Jekk ma baqa' ħadd li jista' jgħinni – fejn hemm ħtieġa jew stennija li tmur lil hinn mill-ħila tal-bniedem li jittama – hu jista' jgħinni.[25] Jekk ninsab mitluq waħdi għal kollox...; iżda min jitlob m'hu qatt waħdu għal kollox. Fi tlettax-il sena ta' priġunerija, li minnhom disgħa għaddiehom f'iżolament, il-Kardinal qatt minsi Nguyen Van Thuan ħallielna ktejjeb għażiż: *Talb ta' tama*. Tul tlettax-il sena fil-ħabs, f'qagħda ta' disperazzjoni sħiħa kif kienet tidher, is-smigħ ta' Alla, is-setgħa li jkellmu, kienet saret għalih qawwa ta' tama dejjem tikber, li wara li ħareġ minn hemm ħallietu jsir għall-bnedmin tad-dinja kollha xhud tat-tama – ta' dik it-tama l-kbira li anki fl-iljieli tas-solitudni ma tintemmx.

**33.** B'mod sabiħ ħafna Wistin wera r-rabta intima bejn it-talb u t-tama f'omelija fuq l-*Ewwel Ittra ta' Ġwanni*. Hu jagħti definizzjoni tat-talb bħala taħriġ tax-xewqa. Il-bniedem inħalaq għal realtà kbira – għal Alla nnifsu, biex jimtela bih. Imma qalbu dejqa wisq għar-realtà l-kbira li għaliha hu ddestinat. Jeħtieġ li

[25] Ara *Katekiżmu tal-Knisja Kattolika,* n. 2657.

titwessa'. "Billi jwaħħar id-don tiegħu, Alla jwessa' xewqitna; permezz tax-xewqa jwessa' r-ruħ u meta jagħmel hekk jagħtiha l-ħila li tilqa' lilu stess." Wistin jirreferi għal San Pawl li fuqu nnifsu jgħid li jgħix bit-tama tal-ħwejjeġ li għad iridu jiġu (ara *Fil* 3: 13). Imbagħad jinqeda bi xbieha sabiħa għall-aħħar biex jiddeskrivi dan il-proċess ta' twessigħ u ta' tħejjija ta' qalb il-bniedem. "Stħajjel li Alla jrid jimliek bil-għasel [simbolu tal-ħlewwa ta' Alla u tat-tjieba tiegħu]. Jekk int, iżda, tinsab mimli bil-ħall, fejn sa tqiegħdu l-għasel?" Il-qolla, jiġifieri l-qalb, l-ewwel trid titwessa' u mbagħad titnaddaf: teħles mill-ħall u mit-togħma tiegħu. Dan jitlob ix-xogħol, hemm l-uġigħ, imma hekk biss iseħħ l-adattament għal dak li għalih aħna ddestinati.[26] Anki jekk Wistin jitħaddet direttament biss dwar il-ħila li nilqgħu lil Alla, b'danakollu jidher ċar li l-bniedem, f'dil-ħidma li biha jeħles mill-ħall u mit-togħma tiegħu, ma jsirx biss ħieles għal Alla, iżda jinfetaħ ukoll għall-oħrajn. Biss meta nsiru wlied Alla nkunu nistgħu noqogħdu mal-Missier tagħna lkoll. Titlob ma jfissirx toħroġ mill-istorja, tintefa' f'rokna u tiċċaħħad mill-hena tiegħek. It-talb tajjeb huwa proċess ta'

[26] Ara *In 1 Joannis* 4: 6; PL 35: 2008 u segwenti.

tisfija ġewwiena li biha nistgħu nħaddnu lil Alla, u sewwasew għalhekk, inħaddnu lill-bnedmin. Fit-talb il-bniedem irid jitgħallem x'jista' tabilħaqq jitlob lil Alla – x'inhu dak li Alla jixraqlu. Għandu jitgħallem li ma jistax jitlob kontra l-ieħor. Għandu jitgħallem li ma jistax jitlob ħwejjeġ superfiċjali u komdi li jkun jixtieqhom f'dak il-waqt – hija t-tama ċkejkna żbaljata li tbiegħdu minn Alla. Għandu jsaffi xewqatu u tamietu. Għandu jeħles lilu nnifsu mill-gideb mistur li bih iqarraq bih innifsu: Alla jgħarbilhom, u l-konfront ma' Alla jġiegħel lill-bniedem jagħraf dal-gideb ukoll. "In-nuqqas min jista' jagħrfu? Minn dak li ma nafx bih saffini." Hekk jitlob is-Salmista (*S* 19 [18]: 13). In-nuqqas ta' għarfien tad-dnub, l-illużjoni ta' l-innoċenza ma jiġġustifikawnix u ma jsalvawnix, għax it-tħeddil tal-kuxjenza, in-nuqqas ta' ħila tal-għarfien tal-ħażen fih innifsu fija, dan kollu hu ħtija tiegħi. Kieku m'hemmx Alla, għandi mnejn nistkenn f'gideb bħal dan, għax m'hemm ħadd li jista' jaħfirli, m'hemm ħadd li hu l-qjies veru. Iżda l-laqgħa ma' Alla tqajjimli l-kuxjenza, biex ma tagħtinix aktar ħila li niġġustifika lili nnifsi, ma tkunx aktar rifless tiegħi stess u ta' dawk li jgħixu fi żmieni u jikkundizzjonawni, iżda ssir ħila ta' smigħ tal-Ġid innifsu.

**34.** Biex it-talb ikollu din il-qawwa li ssaffi, minn naħa jrid ikun personali ħafna, konfront tal-"jien" tiegħi ma' Alla l-ħaj. Mill-oħra, b'danakollu, it-talb għandu jkun dejjem immexxi mill-ġdid u mdawwal mit-talb il-kbir tal-Knisja u tal-qaddisin, mit-talb liturġiku, li fih il-Mulej jgħallimna l-ħin kollu nitolbu kif imiss. Il-Kardinal Nguyen Van Thuan, fil-ktieb tiegħu ta' l-Eżerċizzi Spiritwali, jirrakkonta kif f'ħajtu kellu żminijiet twal li fihom ma kellux ħila jitlob u kif hu żamm sod mal-kliem tat-talb tal-Knisja: mal-Missierna, mas-Sliema u mat-talb tal-liturġija.[27] Fit-talb għandu jkun hemm dejjem din in-nisġa bejn it-talb pubbliku u t-talb personali. B'hekk nistgħu nkellmu lil Alla, b'hekk Alla jkellem lilna. B'dan il-mod iseħħu fina t-tisfijiet, li permezz tagħhom nsiru nistgħu nħaddnu lil Alla u nsiru tajbin għall-qadi tal-bnedmin. B'hekk insiru nistgħu nħaddnu t-tama l-kbira u b'hekk insiru ministri tat-tama għall-oħrajn: it-tama fis-sens Nisrani hi dejjem ukoll tama għall-oħrajn. U hi tama attiva, li fiha nissieltu biex l-affarijiet ma jmorrux lejn "it-tmiem ħażin". Hija wkoll tama attiva sewwasew fis-sens li nħallu d-dinja miftuħa għal Alla. Hekk biss hi tibqa' wkoll tama tabilħaqq umana.

[27] *Testimoni della Speranza,* Città Nuova 2000, 156 u segwenti.

## II. L-għemil u t-tbatija bħala mezzi li minnhom nitgħallmu t-tama

**35.** Kull għemil serju u rett tal-bniedem huwa tama fl-azzjoni. Hu hekk qabel kollox fis-sens li b'hekk infittxu mmexxu 'l quddiem it-tamiet tagħna, żgħar jew kbar: nagħmlu dan jew dak id-dmir li hu importanti biex nibqgħu mexjin fit-triq ta' ħajjitna; bl-impenn tagħna nagħtu kontribut biex id-dinja ssir ftit aktar mudwala u umana u b'hekk jinfetħu wkoll il-bibien lejn il-ġejjieni. Iżda l-impenn ta' kull jum għall-mixi 'l quddiem ta' ħajjitna u għall-ġejjieni tad-dinja jgħajjina jew jinbidel f'fanatiżmu, jekk ma jdawwalniex id-dawl ta' dik it-tama l-kbira li ma jistax jinqered lanqas bin-nuqqas ta' suċċess fi ħwejjeġ żgħar u b'falliment ta' ġrajjiet storiċi. Jekk ma nistgħux nittamaw iżjed minn dak li effettivament jista' jintlaħaq minn darba għal oħra u minn dak li s-setgħat politiċi u ekonomiċi joffrulna, ħajjitna malajr tispiċċa biex titbattal mit-tama. Hu importanti li wieħed ikun jaf: jiena dejjem nista' nibqa' nittama, anki jekk minħabba ħajti jew minħabba l-waqt storiku li qiegħed ngħix ikun jidher li ma jkolli xejn aktar fiex nittama. Hi biss it-tama l-kbira li hi ċertezza li, minkejja l-fallimenti kollha, il-ħajja personali tiegħi u l-

ġrajja tad-dinja huma mħarsin fil-qawwa ta' l-Imħabba li ma tistax tinqered, u bis-saħħa tagħha, għandhom biha sens u importanza, hi biss tama bħal din li f'dak il-każ tista' tibqa' tqawwi l-qalb biex dak li jkun jaħdem u jibqa' miexi. Ma għandniex xi ngħidu, ma nistgħux "nibnu" s-saltna ta' Alla bil-ħiliet tagħna – dak li nibnu jibqa' dejjem saltna tal-bniedem bil-limiti kollha li huma tan-natura umana. Is-saltna ta' Alla hija don, u sewwasew għalhekk hija kbira u sabiħa u tagħti tweġiba lit-tama. U biex ninqdew bit-terminoloġija klassika, ma nistgħux "nimmeritaw" is-sema bl-għemejjel tagħna. Huwa dejjem aktar minn dak li nimmeritaw, l-istess bħal meta nkunu maħbubin: din m'hi qatt ħaġa "meritata", iżda hi dejjem don. B'danakollu, anki meta nafu li s-sema hu akbar minn dak li nistgħu nimmeritaw, jibqa' wkoll minnu dejjem li l-għemil tagħna m'huwiex indifferenti għal Alla u għalhekk m'huwiex indifferenti għat-tiswir ta' l-istorja. Nistgħu ninfetħu aħna u niftħu d-dinja biex jidħol Alla: ninfetħu għall-verità, għall-imħabba, għall-ġid. Dan hu li għamlu l-qaddisin, li bħala "kollaboraturi ta' Alla", ikkontribwew għas-salvazzjoni tad-dinja (ara *1 Kor* 3: 9; *1 Tes* 3: 2). Nistgħu neħilsu ħajjitna u d-dinja mill-avvelenamenti u t-tinġis li jistgħu

jeqirdu l-preżent u l-futur. Nistgħu nikxfu u nżommu ndaf l-għejjun tal-ħolqien u b'hekk, flimkien mal-ħolqien li jingħatalna bħala don, nagħmlu dak li hu sewwa skond il-ħtiġiet intrinsiċi u l-għanijiet tiegħu. Dan jagħmel sens anki jekk, milli jidher, ma għandniex suċċess jew jidhrilna li ma nistgħu xejn quddiem qawwiet ostili kbar wisq. Hekk, minn naħa, minn għemilna toħroġ it-tama għalina u għall-oħrajn; fl-istess ħin, iżda, hija t-tama l-kbira li tistrieħ fuq il-wegħdiet ta' Alla li, fil-waqtiet tajbin u f'dawk ħżiena, tqawwilna qalbna u tmexxilna għemilna.

**36.** Bħall-għemil, hekk ukoll it-tbatija tagħmel parti mill-eżistenza umana. Din parzjalment ġejja mill-fatt li aħna nintemmu, u parzjalment mill-massa ta' dnubiet, li mal-mixja ta' l-istorja, inġabret u għadha sallum tikber bla ma tista' tieqaf. Ma għandniex xi ngħidu, jeħtieġ nagħmlu kull ma nistgħu biex innaqqsu t-tbatija: inwaqqfu, kemm hu possibbli, it-tbatija ta' l-innoċenti; intaffu l-weġgħat; ngħinu biex jintrebħu t-tbatijiet psikiċi. Huma kollha dmirijiet kemm tal-ġustizzja kif ukoll ta' l-imħabba li jidħlu fid-dmirijiet fundamentali ta' l-eżistenza Nisranija u ta' kull ħajja tabilħaqq umana. Fil-ġlieda kontra l-weġgħat fiżiċi

seħħilna nagħmlu progress kbir; it-tbatijiet ta' nies innoċenti kif ukoll it-tbatijiet psikiċi aktarx żdiedu f'dawn l-aħħar għexieren ta' snin. Iva, jeħtieġ nagħmlu minn kollox biex negħlbu t-tbatija, iżda aħna ma nistgħux inneħħuha għal kollox – sempliċement għaliex ma nistgħux inneħħu minn fuqna l-fatt li aħna għad naslu fi tmiemna u għaliex ebda wieħed minna ma jista' jeqred is-setgħa tal-ħażen, tad-dnub li, kif qed naraw, hi għajn ma taqta' xejn ta' tbatija. Dan jista' jagħmlu Alla waħdu: Alla biss li jidħol personalment fl-istorja filwaqt li jsir bniedem u jbati fiha. Aħna nafu li Alla jeżisti u għalhekk din is-setgħa li "tneħħi d-dnub tad-dinja" (*Ġw* 1: 29) tinsab fid-dinja. Bil-fidi fl-eżistenza ta' din is-setgħa nibtet fl-istorja t-tama fil-fejqan tad-dinja. Imma din, fis-sewwa, hija tama li għadha ma seħħitx; tama li tagħtina l-kuraġġ noqogħdu fuq in-naħa tat-tajjeb anki meta dil-ħaġa tkun tidher bla tama, għaliex nafu li, jekk noqogħdu fuq kif isseħħ l-istorja hekk kif tidher minn barra, is-setgħa tad-dnub sa tibqa' wkoll fil-ġejjieni preżenza tal-biża'.

**37.** Nerġgħu lejn is-suġġett. Nistgħu nfittxu li nnaqqsu t-tbatija, li nissieltu kontrieha, iżda ma nisgħux inneħħuha għal kollox. Sewwasew hemm fejn il-bnedmin, fit-tentattiv biex

tinħarab kull tbatija, ifittxu li jaħarbu minn dak kollu li jista' jfisser tbatija, hemm fejn jixtiequ jiffrankaw it-tbatija u l-uġigħ tal-verità, ta' l-imħabba, tal-ġid, jiżżerrżqu f'ħajja fiergħa, li fiha għandu mnejn li kważi n-niket ma jeżistix, iżda tinsab dejjem b'saħħitha s-sensazzjoni mudlama tan-nuqqas ta' sens u ta' solitudni. Mhux l-iffrankar tat-tbatija, il-ħarba quddiem l-uġigħ, li jfejjaq lill-bniedem, imma l-ħila li wieħed jilqa' t-tribulazzjoni u jimmatura fiha, li jsib sens permezz tal-għaqda ma' Kristu, li bata b'imħabba bla tmiem. Nixtieq f'dan il-kuntest nikkwota xi siltiet minn ittra tal-martri Vjetnamiż Pawlu Le-Bao-Tinh (+ 1857), li fihom tidher ċara din il-bidla tat-tbatija permezz tal-qawwa tat-tama li tiġi mill-fidi. "Jiena, Pawlu, fil-ktajjen minħabba l-isem ta' Kristu, nixtieq ngħarrafkom bit-tiġrib kollu li qiegħed kull jum jagħfas fuqi, biex kollkom ħeġġa ta' mħabba għal Alla, flimkien miegħi tfaħħru lil Alla: għax għal dejjem il-ħniena tiegħu (ara *S* 136 [135]). Dan il-ħabs hu tassew xbieha ta' l-infern ta' dejjem: mat-tiġrib kiefer ta' kull xorta, imxekkel kif jien u marbut bi ktajjen tal-ħadid, irrid inżid il-mibegħda, il-vendetti, il-kalunji, il-kliem ħażin, it-tgergir, l-azzjonijiet ħżiena, il-ħalf bil-qerq, il-kliem ta' saħta, u fl-aħħarnett id-dwejjaq u n-niket. Alla li fl-imgħoddi ħeles it-tliet

żgħażagħ mill-forn tan-nar, hu dejjem miegħi, u ħelisni minn dan it-tiġrib kollu, u biddilhuli f'hena, għaliex għal dejjem hi l-ħniena tiegħu. Fost dan it-tiġrib kollu, li soltu jimla bil-biża' lil ħaddieħor, għall-grazzja ta' Alla, jien mimli bil-ferħ u l-hena, għax miniex waħdi imma Kristu hu miegħi. ... Kif kont sa nġerragħ dehra bħal din, nara kull jum il-kmandanti, il-mandarini u l-qaddejja tagħhom jidgħu bl-isem qaddis tiegħek, Mulej, li qiegħed fuq il-Kerubini (ara *S* 80 [79]: 2) u s-Serafini? Ara, salibek qed jitgħaffeġ taħt saqajn il-pagani! Fejn hi l-glorja tiegħek? Jien u nara dan kollu, imkebbes b'imħabbtek, nixtieq ikolli ġismi mqatta' biċċiet biex immut u nagħti xhieda ta' l-imħabba tiegħek. Urini, Mulej, il-qawwa tiegħek, salvani u wettaqni, biex il-qawwa tiegħek tidher f'dak li hu dgħajjef fija, u tkun igglorifikat fost il-ġnus. ... Ħuti għeżież, intom u tisimgħu dan kollu, roddu ħajr għal dejjem bil-ferħ lil Alla, li minnu jiġi kull ġid, u bierku l-Mulej miegħi għax għal dejjem hi l-ħniena tiegħu. ... Qiegħed niktbilkom dan kollu biex il-fidi tiegħi u tagħkom ikunu ħaġa waħda. F'nofs din it-tempesta kollha, nixħet l-ankra tiegħi sat-tron ta' Alla: it-tama ħajja li hemm f'qalbi..."[28] Din hija ittra mill-

[28] Brevjar Ruman, Uffiċċju tal-Qari, 24 ta' Novembru.

"infern". Hi tikxfilna t-twerwir kollu ta' kamp ta' konċentrament, li fih flimkien mat-turmenti li jiġu mit-tiranni jiżdied l-akkaniment tal-ħażen fl-istess vittmi, li b'dan il-mod, isiru huma nfushom għodod oħrajn tal-kefrija ta' l-argużini. Hija ittra mill-infern, iżda fiha sseħħ il-kelma tas-Salm: "Jekk nitla' fis-smewwiet, hemm int ... jekk ngħid: 'Ħa jaħbini d-dlam' ... anqas id-dlam ma hu mudlam; għalik il-lejl jiddi bħan-nhar; id-dlam bħad-dawl għalik" (*S* 139 [138]: 8-12; ara wkoll *S* 23 [22]: 4). Kristu niżel fl-"infern" u għalhekk hu jinsab qrib ta' min jintefa' hemm, u jbiddillu d-dlam f'dawl. It-tbatija, it-turment jibqgħu tal-biża' u għoddhom ma jistgħux jiġġerrgħu. B'danakollu telgħet il-kewkba tat-tama – l-ankra tal-qalb tilħaq sat-tron ta' Alla. Ma jgħollix rasu l-ħażen fil-bniedem, imma jirbaħ id-dawl: it-tbatija – mingħajr ma tehda tibqa' tbatija – issir minkejja kollox għanja ta' tifħir.

**38.** Il-qjies ta' l-umanità jitkejjel essenzjalment bir-relazzjoni mat-tbatija u ma' min ibati. Dan jiswa kemm għall-individwu kif ukoll għas-soċjetà. Soċjetà li ma jseħħilhiex tilqa' 'l dawk li jbatu u li ma għandha ħila tagħmel xejn biex permezz tal-"kom-passjoni" t-tbatija tinqasam u tinġarr anki fil-ġewwieni hija

soċjetà kiefra u ma għandhiex mill-bnedmin. Is-soċjetà, iżda, ma tistax tilqa' 'l dawk li jbatu u tweżinhom fit-tbatija tagħhom, jekk l-individwi ma għandhomx huma nfushom il-ħila jagħmlu dan, u min-naħa l-oħra, l-individwu ma jistax jilqa' t-tbatija ta' l-ieħor jekk hu personalment ma jseħħlux isib sens fit-tbatija, mixja ta' tisfija u maturazzjoni, mixja ta' tama. Nilqa' lil min ibati, fis-sewwa, ifisser nitgħabba b'xi mod bit-tbatija tiegħu, b'hekk hi ssir tiegħi wkoll. Iżda sewwasew għax issa din saret tbatija maqsuma, li fiha hemm il-preżenza ta' l-ieħor, din it-tbatija għandha fiha d-dawl ta' l-imħabba. Il-kelma Latina *con-solatio,* faraġ, dan tfissru b'mod sabiħ ħafna bħallikieku trid tgħid tkun ma' xi ħadd fis-solitudni, li għalhekk ma tibqax iżjed solitudni. Imma anki l-ħila li nilqgħu t-tbatija għall-imħabba tal-ġid, tal-verità u tal-ġustizzja hi ħaġa li ssawwar il-qjies ta' l-umanità, għaliex jekk, fl-aħħar mill-aħħar, il-ġid u s-sigurtà tiegħi huma aktar importanti mill-verità u l-ġustizzja, toħroġ rebbieħa l-ħakma ta' min hu l-aktar b'saħħtu; b'hekk isaltnu l-vjolenza u l-gidba. Il-verità u l-ġustizzja għandhom joqogħdu 'l fuq mill-kumdità u s-sigurtà fiżika, inkella l-ħajja tiegħi stess issir gidba. U fl-aħħar, anki l-kunsens għall-imħabba jsir għajn ta' tbatija, għax l-imħabba titlob dejjem it-tbattil tal-"jien"

tiegħi, li bih inħallihom jagħmlu bija li jridu u jidorbuni. L-imħabba ma tista' qatt teżisti mingħajr ċaħda li tweġġa' lili nnifsi, inkella ssir egoiżmu pur, u b'hekk ixxejjen lilha nfisha.

**39.** Tbati ma' l-ieħor, għall-oħrajn; tbati għall-imħabba tal-verità u l-ġustizzja; tbati minħabba l-imħabba biex issir persuna li tħobb tabilħaqq – dawn huma elementi fundamentali ta' umanità, li t-telqien tagħhom jeqred lill-bniedem innifsu. Iżda għal darb'oħra tqum il-mistoqsija: għandna ħila għal dan? L-ieħor hu importanti biżżejjed biex għalih insir persuna li tbati? Għalija l-verità hi daqshekk importanti biex tkun tistħoqqilha t-tbatija? Hi daqshekk kbira l-wegħda ta' l-imħabba biex tiġġustifika d-don tiegħi nnifsi? Fl-istorja ta' l-umanità jmiss sewwasew lill-fidi Nisranija l-mertu li qajmet fil-bniedem b'mod ġdid u bi profondità ġdida l-ħila għal dawn il-modi ta' tbatija li huma deċiżivi għall-umanità tiegħu. Il-fidi Nisranija wrietna li l-verità, il-ġustizzja u l-imħabba m'humiex sempliċement ideali, imma realtajiet mill-aqwa. Urietna, fis-sewwa, li Alla – il-Verità u l-Imħabba nfishom – ried ibati għalina u magħna. Bernard ta' Clairvaux ħalaq l-espressjoni tal-għaġeb: *Impassibilis est Deus,*

*sed non incompassibilis*[29] - Alla ma jistax ibati, imma jista' jikkompatixxi [= ibati ma']. Il-bniedem għal Alla tant għandu valur kbir li kien hu nnifsu li sar bniedem biex ikun jista' jbati flimkien mal-bniedem, b'mod reali ħafna, bil-ġisem u d-demm, kif jurina r-rakkont tal-Passjoni ta' Ġesù. Minn hemm f'kull tbatija umana daħal wieħed li jaqsam it-tbatija u t-tiġrib; minn hemm tixtered f'kull tbatija l-*consolatio,* il-faraġ ta' l-imħabba ta' Alla li titqassam, u b'hekk titla' l-kewkba tat-tama. Ma għandniex xi ngħidu, fil-ħafna tbatijiet u tiġrib tagħna għandna dejjem ħtieġa wkoll tat-tamiet iż-żgħar u l-kbar tagħna – ta' xi żjara li tfarraġna, tal-fejqan minn ġrieħi ġewwinin u barranin, ta' soluzzjoni pożittiva ta' xi kriżi, u l-bqija. Fit-tiġrib iż-żgħir dawn it-tipi ta' tama jistgħu jkunu wkoll biżżejjed. Iżda fit-tiġrib il-kbir, li fih irrid nagħmel tiegħi d-deċiżjoni definittiva li nqiegħed il-verità quddiem il-ġid tiegħi nnifsi, quddiem il-karriera, il-pussess, iċ-ċertezza tat-tama vera u kbira, li fuqha tkellimna, issir meħtieġa. Għal dan ukoll neħtieġu x-xhieda, il-martri, li ngħataw kollha kemm huma biex juruhulna – jum wara jum. Neħtiġuhom biex nagħżlu, anki fil-għażliet iż-

[29] *Sermones in Cant., Serm.* 26: 5; PL 183: 906.

żgħar tal-ħajja ta' kull jum, il-ġid mill-kumdità – għax nafu li sewwasew b'dan il-mod ngħixu tabilħaqq il-ħajja. Ejjew nerġgħu ngħiduh: il-ħila li nbatu għall-imħabba tal-verità hi qjies ta' umanità. B'danakollu, din il-ħila li nbatu tiddependi mit-tip u mill-qjies tat-tama li nġorru ġo fina u li fuqha nibnu. Il-qaddisin setgħu jimxu l-mixja l-kbira tal-bniedem bil-mod li bih Kristu mxieha qabilna, għaliex kienu mimlijin bit-tama l-kbira.

**40.** Nixtieq inżid nota ċkejkna oħra mhux għal kollox irrilevanti għall-ġrajjiet ta' kull jum. Kienet tagħmel parti minn għamla ta' devozzjoni, illum forsi pprattikata anqas minn qabel, iżda li kienet imxerrda ħafna sa ftit żmien ilu, il-ħsieb li nistgħu "noffru" t-tbatijiet iż-żgħar tal-ħajja ta' kull jum, li jibqgħu jaħbtu fuqna qishom nigżiet li ftit jew wisq idejquna, u b'hekk nagħtuhom sens. F'din id-devozzjoni kien hemm fis-sewwa xi ħwejjeġ esaġerati u forsi wkoll li ma jagħmlux ġid, iżda ta' min jistaqsi jekk fihom kienx hemm xi ħaġa b'xi mod essenzjali li tista' tkun ta' għajnuna. Xi tfisser "noffru"? Dawn in-nies kienu konvinti li jistgħu jdaħħlu fil-kompassjoni l-kbira ta' Kristu t-tbatijiet iż-żgħar tagħhom, li b'hekk b'xi mod kienu jieħdu sehem fit-teżor tal-

kompassjoni li ġens il-bniedem jeħtieġha. B'dan il-mod anki l-ħwejjeġ iż-żgħar li jdejquna fil-ħajja ta' kull jum jistgħu jiksbu sens u jagħtu sehemhom b'riżq l-ekonomija tal-ġid, ta' l-imħabba fost il-bnedmin. Għandu mnejn li jeħtieġ tabilħaqq nistaqsu jekk devozzjoni bħal din għandniex nerġgħu nqajmuha.

### III. Il-Ġudizzju bħala mezz ta' tagħlim u ta' taħriġ tat-tama

**41.** Fil-*Kredu* l-kbir tal-Knisja, il-parti ċentrali, li tittratta l-misteru ta' Kristu mit-twelid etern mill-Missier sat-twelid fiż-żmien minn Marija Verġni biex jasal permezz tas-salib u l-qawmien għat-tieni miġja tiegħu, tintemm bil-kelmiet: "...u għandu jerġa' jiġi bil-glorja biex jagħmel ħaqq mill-ħajjin u mill-mejtin." Il-prospettiva tal-Ġudizzju, sa miż-żminijiet l-aktar bikrija, influwenzat lill-Insara sa fil-ħajja tagħhom ta' kull jum bħala kejl biex fuqu timxi l-ħajja ta' issa, bħala sejħa lill-kuxjenza tagħhom, u fl-istess waqt, bħala tama fil-ġustizzja ta' Alla. Il-fidi fi Kristu qatt ma ħarset biss lura, lanqas qatt ma ħarset biss 'il fuq, imma dejjem ħarset ukoll 'il quddiem lejn siegħet il-ħaqq li l-Mulej bassarha ripetutament. Din il-ħarsa 'l quddiem tat lill-

Kristjaneżmu l-importanza tiegħu għall-preżent. Fl-arranġament tal-binjiet Insara mqaddsa, li riedu juru l-wisa' storiku u kosmiku tal-fidi fi Kristu, kienet daħlet id-drawwa li fin-naħa tal-lvant issir ir-rappreżentazzjoni tal-Mulej rieġa' bħala sultan – ix-xbieha tat-tama –, fin-naħa tal-punent, iżda, il-Ġudizzju ta' l-aħħar bħala xbieha tar-responsabbiltà għal ħajjitna, raffigurazzjoni li kienet tħares u ssieħeb lill-fidili sewwasew fil-mixi tagħhom ta' kull jum. Fl-iżvilupp ta' l-ikonografija, iżda, imbagħad ingħatat importanza dejjem aktar lill-aspett heddied li jnikket tal-Ġudizzju, li ma għandniex xi ngħidu kien isaħħar lill-artisti aktar mis-sbuħija tiddi tat-tama, li sikwit kien jinħeba wisq taħt it-theddid.

**42.** Fiż-żmien modern il-ħsieb tal-Ġudizzju aħħari nien: il-fidi Nisranija saret individwalizzata u saret aktar tqis is-salvazzjoni personali tar-ruħ; ir-riflessjoni fuq l-istorja universali hija fil-biċċa l-kbira maħkuma mill-ħsieb tal-progress. B'danakollu, il-kontenut fundamentali ta' l-istennija tal-Ġudizzju mhux sempliċement għab. Iżda issa ħa għamla għal kollox differenti. L-ateiżmu tas-sekli XIX u XX hu, skond l-għeruq u l-

għanijiet tiegħu, moraliżmu: huwa protesta kontra l-inġustizzji tad-dinja u ta' l-istorja universali. Dinja li fiha hemm daqshekk inġustizzja, tbatija ta' min hu innoċenti u setgħa bla qalb, ma tistax tkun opra ta' Alla tajjeb. Alla li jkun responsabbli ta' dinja bħal din, m'huwiex Alla ġust u wisq anqas Alla tajjeb. Hu fl-isem tal-morali li jeħtieġ nikkontestaw Alla bħal dan. Billi m'hemmx Alla li joħloq ġustizzja, jidher li issa hu l-bniedem stess li hu msejjaħ biex iwaqqaf il-ġustizzja. Jekk quddiem it-tbatija ta' did-dinja l-protesta kontra Alla tiftiehem, il-pretensjoni li l-umanità tista' u għandha tagħmel dak li ebda Alla ma jagħmel u lanqas ma jista' jagħmel, hi preżunzjoni u ħaġa li fiha nfisha m'hijiex vera. Li minn premessa bħal din ħarġu l-akbar kefrijiet u ksurijiet tal-ġustizzja m'hijiex kumbinazzjoni, imma hi ħaġa mibnija fuq il-falzità ta' din il-pretensjoni fiha nfisha. Dinja li trid toħloq il-ġustizzja tagħha minnha nfisha hija dinja bla tama. Ħadd u xejn ma jwieġeb għat-tbatija li ilha sejra sekli sħaħ. Ħadd u xejn ma jiggarantixxi li ċ-ċiniżmu tas-setgħa – jidher taħt liema maskra ideoloġika jrid – mhux sa jibqa' jaħkem id-dinja. Hekk il-ħassieba l-kbar ta' l-iskola ta' Frankfurt, Max Horkheimer u Theodor W. Adorno, ikkritikaw

bl-istess mod kemm l-ateiżmu kif ukoll it-teiżmu. Horkheimer eskluda għal kollox kull possibbiltà li jinsab sostitut għal Alla f'did-dinja, iżda fl-istess ħin ċaħad ukoll ix-xbieha ta' Alla tajjeb u ġust. F'radikalizzazjoni estrema tal-projbizzjoni tax-xbihat li nsibu fit-Testment il-Qadim, huwa jitkellem fuq "nostalġija ta' dak li hu għal kollox l-Ieħor" li jibqa' inaċċessibbli – għajta mxennqa diretta lejn l-istorja universali. Adorno wkoll żamm sħiħ ma' din iċ-ċaħda ta' kull xbieha li teskludi wkoll ix-"xbieha" ta' Alla li jħobb. Iżda hu wkoll dejjem reġa' saħaq fuq din id-djalettika "negattiva" u stqarr li ġustizzja, ġustizzja vera, titlob dinja "li fiha mhux biss tinqered it-tbatija ta' issa, imma jitneħħa wkoll dak li hu ta' l-imgħoddi."[30] Dan, iżda, ikun ifisser – jekk infissruh b'simboli pożittivi u għalhekk għalih inadekwati – li ma jistax ikun hemm ġustizzja mingħajr qawmien ta' l-imwiet. Prospettiva bħal din, b'danakollu, irid ikun fiha "l-qawmien tal-ġisem, ħaġa li għall-idealiżmu, għas-saltna ta' l-ispirtu assolut, hi kollha kemm hi barranija."[31]

[30] *Negative Dialektik* (1966) it-tielet parti, III: 11, f'*Gesammelte Schriften* Bd. VI, Frankfurt/Main 1973, 395.
[31] Ibid., it-tieni parti, 207.

**43.** Miċ-ċaħda rigoruża ta' kull xbieha, li hi parti mill-ewwel Kmandament ta' Alla (ara *Eż* 20: 4), anki l-Kristjaneżmu jista' u għandu jitgħallem dejjem mill-ġdid. Il-verità tat-teoloġija negattiva ħarġet ċara fir-Raba' Konċilju tal-Lateran li ddikjara espliċitament li għad li kbir jista' jidher ix-xebh bejn il-Ħallieq u l-ħliqa, hu dejjem akbar in-nuqqas ta' xebh bejniethom.[32] Għal min jemmen, b'danakollu, iċ-ċaħda ta' kull xbieha ma tistax tiġġebbed sakemm ikollha tieqaf, kif jixtiequ Horkheimer u Adorno, fiċ-ċaħda taż-żewġ teżijiet, dik tat-teiżmu u dik ta' l-ateiżmu. Alla nnifsu ta "xbieha" lilu nnifsu: fi Kristu li sar bniedem. Fih li kien imsallab, iċ-ċaħda ta' xbihat foloz ta' Alla ttieħdet fl-estrem. Issa Alla juri Wiċċu sewwasew fil-figura ta' min ibati li jaqsam il-qagħda tal-bniedem mitluq minn Alla, u jeħodha fuqu. Dan il-bniedem tat-tbatija, innoċenti, sar tama-ċertezza: Alla qiegħed hemm, u Alla jaf joħloq il-ġustizzja b'mod li aħna ma għandniex ħila naħsbuh u li, b'danakollu, bil-fidi nistgħu nħossuh. Iva, il-qawmien tal-ġisem jeżisti.[33] Il-ġustizzja teżisti.[34] Teżisti l-"qirda" tat-tbatija ta' l-

[32] DS 806.
[33] Ara *Katekiżmu tal-Knisja Kattolika,* n. 988-1004.
[34] Ara ibid., n. 1040.

imgħoddi, it-tiswija li terġa' twaqqaf id-dritt. Għalhekk il-fidi fil-Ġudizzju aħħari hija qabel xejn tama – dik it-tama li l-ħtieġa tagħha dehret biċ-ċar sewwasew fit-taqlib ta' l-aħħar sekli. Ninsab konvint li l-kustjoni tal-ġustizzja hija l-argument essenzjali, f'kull każ l-aqwa argument, favur il-fidi fil-ħajja ta' dejjem. Il-ħtieġa biss ta' ħlas individwali li f'dil-ħajja hu miċħud lilna, ta' l-immortalità ta' l-imħabba li qegħdin nistennew, hija żgur mottiv importanti biex nemmnu li l-bniedem hu magħmul għall-ħajja ta' dejjem; iżda biss b'rabta ma' l-impossibbiltà li l-inġustizzja ta' l-istorja tgħid l-aħħar kelma, issir konvinċenti għal kollox il-ħtieġa tat-tieni miġja ta' Kristu u tal-ħajja l-ġdida.

**44.** Il-protesta kontra Alla f'isem il-ġustizzja ma tiswiex. Dinja bla Alla hija dinja bla tama (ara *Ef* 2: 12). Alla biss jista' joħloq il-ġustizzja. U l-fidi tagħtina ċ-ċertezza li hekk jagħmel. Ix-xbieha tal-Ġudizzju aħħari hija qabel xejn xbieha tal-biża', imma hija xbieha ta' tama; għalina aktarx hi saħansitra x-xbieha deċiżiva tat-tama. Imma m'hijiex forsi wkoll xbieha ta' twerwir? Jiena ngħid: hija xbieha li sejjaħ għar-responsabbiltà. Hi għalhekk xbieha ta' dak it-twerwir li fuqu Sant'Ilarju jgħid li

kull biża' tagħna għandu postu fl-imħabba.[35] Dan hu l-faraġ u t-tama tagħna. Iżda fil-ġustizzja tiegħu hu fl-istess waqt grazzja wkoll. Dan insiru nafuh meta ndawru ħarsitna fuq Kristu msallab u mqajjem mill-mewt. It-tnejn – ġustizzja u grazzja – għandna narawhom fir-rabta ġewwiena tagħhom. Il-grazzja ma twarrabx il-ġustizzja. Ma tbiddilx il-ħtija f'sewwa. M'hijiex sponża li tħassar kollox biex kull ma sar fid-dinja jispiċċa jkollu dejjem l-istess valur. Kontra dat-tip ta' sema u ta' grazzja kien ipprotesta bir-raġun, ngħidu aħna, Dostoëvskij fir-rumanz tiegħu *L-Aħwa Karamazov*. Il-ħżiena fl-aħħar, fil-festa ta' dejjem, m'humiex sa joqogħdu mal-mejda ħdejn il-vittmi mingħajr għażla, bħallikieku ma ġara xejn. Nixtieq hawnhekk nikkwota silta ta' Platun li tfisser premonizzjoni ta' ġudizzju ġust li fil-biċċa l-kbira hu veru u ta' ġid anki għan-Nisrani. Bi xbihat tal-mitoloġija, li iżda jfissru l-verità b'mod mill-aktar ċar, huwa jgħid li fl-aħħar l-erwieħ jieqfu għarwenin quddiem l-imħallef. Issa ma jiswa xejn x'kienu darba fl-istorja, iżda jiswa x'inhuma fis-sewwa. "Issa [l-imħallef] għandu quddiemu forsi r-ruħ ta' xi sultan jew ħakkiem u ma jara xejn tajjeb fiha.

[35] Ara *Tractatus super Psalmos,* Ps. 127: 1-3: CSEL 22: 628-630.

Isibha msawta u miżgħuda bil-ġrieħi ta' ġuramenti foloz u inġustizzja ... u kollox hu mgħawweġ, mimli bil-gideb u l-frugħa, u xejn m'hu dritt, għax hi kibret mingħajr verità. Setgħa, lussu, suppervja u ħajja ħażina tant ħallewha żbilanċjata u kerha, li meta jkun għarbilha jibgħatha dritt il-ħabs, fejn kif tasal tieħu l-kastig li ħaqqha ... Kultant, iżda, hu jilmaħ quddiemu ruħ differenti, waħda li għaddiet ħajja tajba u sinċiera ..., hu jieħu gost biha u jibgħatha bla dewmien lejn il-gżejjer tal-henjin."[36] Ġesù fil-parabbola tal-wikkiel għani u ta' Lazzru l-fqir (ara *Lq* 16: 19-31), biex iwissina tana xbieha ta' ruħ bħal din meqruda bl-arroganza u l-għana bir-radam, li ħalqet hi stess dagħbien kbir bejnha u bejn il-fqir: id-dagħbien tal-għeluq fil-pjaċiri materjali, id-dagħbien tan-nisi ta' l-ieħor, tan-nuqqas ta' ħila fl-imħabba, li mbagħad tinbidel f'għatx klubi li ma jistax jinqata'. Irridu nuru hawn li Ġesù f'din il-parabbola ma jitkellimx fuq id-destin definittiv wara l-Ġudizzju universali, iżda jaqbad kunċett li jinsab, fost l-oħrajn, fil-Ġudaiżmu tal-qedem, dak jiġifieri ta' sitwazzjoni bejn mewt u qawmien, stat li fih l-aħħar sentenza għadha ma nqatgħetx.

[36] *Gorgia* 525a-526c.

**45.** Din l-idea Lhudija tal-qedem ta' sitwazzjoni intermedja fiha l-opinjoni li l-erwieħ ma jinsabux sempliċement f'għamla ta' kustodja proviżorja, iżda li diġà jingħataw kastig, kif turi l-parabbola tal-wikkiel għani, jew diġà jgawdu minn għamla proviżorja ta' beatitudni. U l-aħħarnett ma jonqosx il-ħsieb li f'dan l-istat jistgħu jsiru tisfija u fejqan, li jlestu lir-ruħ għall-għaqda ma' Alla. Il-Knisja taż-żmien bikri ħadet dawn il-kunċetti, li minnhom imbagħad, fil-Knisja tal-punent, bil-mod il-mod żviluppat id-duttrina tal-purgatorju. M'hemmx ħtieġa li niflu t-toroq storiċi kkumplikati ta' dan l-iżvilupp; nistaqsu biss x'inhi tabilħaqq dil-ħaġa. Bil-mewt, il-għażla ta' ħajjet il-bniedem issir definittiva – din ħajtu tidher quddiem l-Imħallef. L-għażla tiegħu, li ssawret tul il-mixja sħiħa ta' ħajtu, jista' jkollha karattri differenti. Jista' jkun hemm nies li qerdu għal kollox fihom infushom ix-xewqa tal-verità u d-disponibbiltà ta' l-imħabba. Nies li fihom kollox sar gidba; nies li għexu għall-mibegħda u kasbru l-imħabba fihom infushom. Din hija prospettiva tal-biża', iżda xi figuri ta' l-istess ġrajja tagħna għandhom b'mod allarmanti profili bħal dawn. F'individwi bħal dawn m'hemm xejn aktar li wieħed jista' jsalva u l-qirda tal-ġid issir

irrevokabbli: dan hu li turina l-kelma *infern.*[37] Min-naħa l-oħra jista' jkun hemm nies mill-aktar safja, li ħallew lil Alla jidħol fihom għal kollox u għalhekk huma miftuħin beraħ għall-proxxmu – nies li fihom l-għaqda ma' Alla diġà minn issa qiegħda tmexxi l-kewn sħiħ tagħhom lejn Alla u li l-mixja tagħhom lejn Alla twassal għall-wetqa ta' dak li huma issa.[38]

**46.** B'danakollu mill-esperjenza nafu li la l-wieħed u lanqas l-ieħor ma hu normali għall-eżistenza tal-bniedem. Fil-biċċa l-kbira tal-bnedmin – hekk nistgħu nobsru – tibqa' fil-profond ta' l-essenza tagħhom fetħa aħħarija ġewwiena għall-verità, għall-imħabba, għal Alla. Fil-għażliet konkreti tal-ħajja, iżda, hija tinsab miksija minn dejjem b'kompromessi ġodda mal-ħażen – ħafna hu l-ħmieġ li jgħatti s-safa, li għalih, b'danakollu, baqa' l-għatx u li, minkejja dan, jerġa' jfeġġ dejjem mill-ġdid minn dak kollu li hu baxx u jibqa' preżenti fir-ruħ. X'sa jiġri minn individwi bħal dawn meta jidhru quddiem l-Imħallef? Il-ħmieġ kollu li ġabru f'ħajjithom sa jsir forsi f'daqqa waħda ħaġa ta' xejn? Jew x'sa jiġri aktar? San Pawl, fl-*Ewwel Ittra lill-*

[37] Ara *Katekiżmu tal-Knisja Kattolika,* n. 1033-1037.
[38] Ara ibid., n. 1023-1029.

*Korintin,* jagħtina idea ta' l-impatt differenti tal-ġudizzju ta' Alla fuq il-bniedem skond il-kundizzjonijiet tiegħu. Dan jagħmlu bi xbihat li jridu b'xi mod ifissru dak li ma jidhirx, bla ma nistgħu nbiddlu dawn ix-xbihat f'kunċetti – għax sempliċement ma nistgħux nixħtu ħarsitna fuq id-dinja lil hinn mill-mewt u lanqas ma għandna esperjenza tagħha. Pawlu fuq l-eżistenza Nisranija qabel xejn jgħid li hi mibnija fuq sies komuni: Ġesù Kristu. Dan is-sies jibqa'. Jekk nibqgħu sħaħ fuq dan is-sies u nibnu ħajjitna fuqu, nafu li dan is-sies ma jistax jitteħdilna lanqas bil-mewt. Imbagħad Pawlu jissokta: "Pedament ieħor ħadd ma jista' jqiegħed ħlief dak li ġa tqiegħed; u dan hu Ġesù Kristu. Jibni x'jibni dak li jkun fuq dan il-pedament, deheb, fidda, ħaġar prezzjuż, injam, ħuxlief, tiben, ix-xogħol ta' kulħadd għad jidher; il-Jum għad jurih u n-nar għad jikxfu u jipprova x'jiswa x-xogħol ta' kull wieħed. Jekk il-bini li wieħed ikun bena jżomm sħiħ, min jagħmlu jieħu ħlasu; jekk il-bini jinħaraq, ħlasu jitilfu; iżda huwa jsalva, imma jkun għadda minn ġon-nar" (3: 12-15). F'din is-silta jidher ċar li s-salvazzjoni tal-bnedmin jista' jkollha għamliet diversi; li xi oġġetti mibnija jistgħu jinħarqu għal kollox; li biex insalvaw irridu naqsmu minn ġon-"nar" aħna stess biex inkunu nistgħu

nħaddnu lil Alla għal dejjem u nieħdu post madwar il-mejda ta' festa tat-tieġ ta' dejjem.

**47.** Xi teoloġi ta' daż-żmien huma ta' l-opinjoni li n-nar li jaħraq u fl-istess ħin isalva huwa Kristu nnifsu, l-Imħallef u s-Salvatur. Il-laqgħa miegħu hija l-att deċiżiv tal-Ġudizzju. Quddiem ħarstu tiġi fix-xejn kull ħaġa falza. Hija l-laqgħa miegħu li, hi u taħraqna, tbiddilna u teħlisna biex tagħmilna tabilħaqq aħna nfusna. Dak li bnejna f'ħajjitna jista' mbagħad jidher tiben niexef, riħ jonfoħ, u kollox jaqa'. Iżda fin-niket ta' din il-laqgħa, li fiha l-imniġġes u l-ħażin ta' kewnna jidhru ċari quddiemna, tinsab is-salvazzjoni. Il-ħarsa tiegħu, il-mess ta' qalbu jfejjaqna permezz ta' bidla tabilħaqq ta' wġigħ "bħallikieku bin-nar". B'danakollu, huwa wġigħ hieni, li fih is-setgħa qaddisa ta' mħabbtu tinfidna bħal fjamma, u fl-aħħar tħallina nkunu għal kollox aħna nfusna u b'hekk insiru kollna ta' Alla. B'dan il-mod tidher ukoll ir-rabta bejn il-ġustizzja u l-grazzja: il-mod kif ngħixu m'huwiex irrilevanti, iżda l-ħmieġ tagħna ma jtebbagħniex għal dejjem, jekk għallanqas nibqgħu mxaqilbin lejn Kristu, lejn il-verità u lejn l-imħabba. Fl-aħħar mill-aħħar, dan il-ħmieġ diġà nħaraq fil-Passjoni ta' Kristu. Fil-mument tal-Ġudizzju

nħossu u niġbru r-rebħa ta' mħabbtu fuq il-ħażen kollu tad-dinja u tagħna. In-niket ta' l-imħabba jsir is-salvazzjoni u l-ferħ tagħna. Hi ħaġa ċara li d-"dewmien" tal-ħruq li jbiddel ma nistgħux inqisuh kif inkejlu l-ħin f'din id-dinja. Il-"waqt" li jbiddel ta' din il-laqgħa ma joqgħodx għall-kejl tal-ħin tad-dinja – huwa ħin tal-qalb, ħin tal-"passaġġ" lejn il-għaqda ma' Alla fil-Ġisem ta' Kristu.[39] Il-Ġudizzju ta' Alla huwa tama kemm għaliex hu ġustizzja, u kemm għaliex hu grazzja. Kieku kien biss grazzja li tagħmel irrilevanti dak kollu li hu ta' l-art, Alla kien ikun midjun magħna għax kien ikollu jwieġeb għall-mistoqsija fuq il-ġustizzja – mistoqsija li għalina hija deċiżiva quddiem l-istorja u quddiem Alla nnifsu. Kieku kienet biss ġustizzja, fl-aħħar kienet tkun għalina lkoll mottiv li jwerwirna. L-inkarnazzjoni ta' Alla fi Kristu tant rabtet flimkien il-wieħed u l-oħra – il-ġudizzju u l-grazzja – li l-ġustizzja ssir bil-qawwa: aħna lkoll nistennew is-salvazzjoni tagħna "bil-biża' u t-tregħid" (*Fil* 2: 12). B'danakollu, il-grazzja tħallina lkoll nittamaw u mmorru mimlijin bit-tama biex niltaqgħu ma' l-Imħallef li nagħrfuh bħala d-"difensur" tagħna, *parakletos* (ara *1 Ġw* 2: 1).

[39] Ara *Katekiżmu tal-Knisja Kattolika,* n. 1030-1032.

**48.** Hawn jeħtieġ insemmu mottiv ieħor għaliex hu importanti għall-prassi tat-tama Nisranija. Fil-Ġudaiżmu tal-qedem hemm ukoll il-ħsieb li nistgħu ngħinu lill-mejtin fil-qagħda intermedja tagħhom permezz tat-talb (ara ngħidu aħna *2 Mak* 12: 38-45 ta' l-ewwel seklu q.K.). Din il-prassi adottawha l-Insara b'naturalezza mill-aqwa u hi ħaġa komuni fil-Knisja tal-Lvant u tal-Punent. Il-Lvant ma jagħrafx it-tbatija ta' l-erwieħ li ssaffi u tpatti wara l-mewt, imma jagħraf gradi differenti ta' beatitudni jew anki ta' tbatija fil-qagħda intermedja. Lill-erwieħ tal-mejtin, b'danakollu, jistgħu jingħatawlhom "faraġ u komfort" permezz ta' l-Ewkaristija, it-talb u l-għotjiet ta' karità. Li l-imħabba tista' tasal sal-ħajja ta' wara l-mewt, li hu possibbli li ħajjin u mejtin jagħtu u jirċievu mingħand xulxin, li b'hekk nibqgħu magħqudin flimkien b'rabtiet ta' mħabba lil hinn mill-konfini tal-mewt – din kienet konvinzjoni fundamentali tal-Kristjaneżmu matul is-sekli kollha u għadha sallum esperjenza li tagħti l-faraġ. Min ma jħossx il-ħtieġa li jibgħat lill-għeżież tiegħu li diġà telqu minn hawn xi sinjal ta' tjieba, ta' gratitudni jew ukoll ta' talba għall-maħfra? Issa nistgħu nissoktaw nistaqsu: jekk il-"purgatorju" huwa sempliċement tisfija bin-nar fil-laqgħa

mal-Mulej, Imħallef u Salvatur, kif tista' mela persuna oħra tindaħal, anki jekk din tkun qrib ħafna ta' l-oħra? Meta nagħmlu mistoqsija bħal din, irridu nifhmu li ebda bniedem ma hu gżira magħluqa fiha nfisha. L-eżistenzi tagħna jinsabu f'għaqda profonda bejniethom, permezz ta' ħafna interazzjonijiet huma jinsabu marbutin waħda ma' l-oħra. Ħadd ma jgħix waħdu. Ħadd ma jidneb waħdu. Ħadd ma jsalva waħdu. Bla waqfien f'ħajti tidħol dik ta' l-oħrajn: f'dak li naħseb, ngħid, nagħmel, nopra. U bil-maqlub, ħajti tidħol f'dik ta' l-oħrajn: fil-ħażin kif ukoll fit-tajjeb. Għalhekk l-interċessjoni tiegħi għall-ieħor m'hija xejn barranija għalih, lanqas wara l-mewt. Fin-nisġa tal-kewn, ir-ringrazzjament tiegħi lilu, it-talba tiegħi għalih jistgħu jfissru pass ċkejken fit-tisfija tiegħu. U b'daqshekk m'hemmx għalfejn indawru l-ħin ta' din l-art f'ħin ta' Alla: l-għaqda ta' l-erwieħ tmur lil hinn mis-sempliċi ħin ta' l-art. Qatt m'hu tard wisq biex tmiss il-qalb ta' l-ieħor u lanqas qatt m'hu inutli. Hekk jidher aktar ċar element importanti tal-kunċett Nisrani tat-tama. It-tama tagħna hija dejjem essenzjalment ukoll tama għall-oħrajn; hekk biss hija tkun tabilħaqq tama għalija wkoll.[40]

[40] Ara *Katekiżmu tal-Knisja Kattolika,* n. 1032.

Bħala Nsara ma għandna qatt nistaqsu biss: kif sa nsalva lili nnifsi? Jeħtieġ nistaqsu wkoll: x'nista' nagħmel biex l-oħrajn isalvaw u titla' għalihom ukoll il-kewkba tat-tama? Imbagħad inkun għamilt kull ma stajt nagħmel anki għas-salvazzjoni tiegħi personali.

## *Marija, kewkba tat-tama*

**49.** B'innu tas-seklu VIII/IX, jiġifieri ta' aktar minn elf sena ilu, il-Knisja ssellem lil Marija, Omm Alla, bħala "kewkba tal-baħar": *Ave maris stella*. Il-ħajja tal-bniedem hija mixja. Fejn sa tintemm? Kif insibuha t-triq? Il-ħajja hija bħal vjaġġ fuq il-baħar ta' l-istorja, sikwit mudlam u mqalleb, vjaġġ li fih niflu l-kwiekeb li juruna t-triq. Il-kwiekeb veri ta' ħajjitna huma l-persuni li kienu jafu jgħixu ħajja tajba. Huma dwal ta' tama. Ma għandniex xi ngħidu, Ġesù Kristu huwa d-dawl veru, huwa x-xemx li telgħet fuq id-dlamijiet kollha ta' l-istorja. Iżda biex nilħqu sa ħdejh neħtieġu wkoll dwal qrib tagħna – nies li jagħtu d-dawl li jeħduh mid-dawl tiegħu u juruna b'hekk mnejn għandna ngħaddu biex naqsmu. U liema persuna tista' aktar minn Marija tkun għalina kewkba ta' tama – hi li bil-kunsens tagħha fetħet lil Alla nnifsu l-bieb tad-dinja tagħna; hi

li saret l-Arka ħajja tal-Patt, li fiha Alla sar bniedem, sar wieħed minna, waqqaf it-tinda tiegħu fostna (ara *Ġw* 1: 14)?

**50.** Għalhekk lejha nduru: Imqaddsa Marija, int kont tagħmel ma' dawk l-erwieħ umli u kbar f'Israel li, bħal Xmun, kienu jistennew "il-faraġ ta' Israel" (*Lq* 2: 25) u kienu jistennew, bħal Alla, "il-fidwa ta' Ġerusalemm" (*Lq* 2: 38). Int kont tgħix f'għaqda intima mal-Kitbiet Qaddisa ta' Israel, li kienu jitħaddtu fuq it-tama – fuq il-wegħda li saret lil Abraham u 'l nislu (ara *Lq* 1: 55). B'hekk nifhmu l-biża' qaddis li qabdek, meta l-anġlu tal-Mulej daħal f'kamartek u qallek li kont sa tagħti d-dawl lil dak li kien it-tama ta' Israel u l-mistenni tad-dinja. Permezz tiegħek, permezz ta' l-"iva" li għidt, it-tama ta' eluf ta' snin kellha ssir realtà, kellha tidħol f'din id-dinja u fl-istorja. Int baxxejt rasek quddiem il-kobor ta' din il-biċċa xogħol u għidt "iva": "Ara, jiena l-qaddejja tal-Mulej: ħa jsir minni skond kelmtek!" (*Lq* 1: 38). Meta mimlija b'ferħ qaddis qsamt bil-għaġla l-għoljiet tal-Lhudija biex tmur għand qaribtek Eliżabetta, sirt ix-xbieha tal-Knisja tal-ġejjieni, li f'ġufha ġġorr it-tama tad-dinja hi u taqsam l-għoljiet ta' l-istorja. Iżda maġenb il-ferħ li, fil-*Magnificat,* bil-kliem u bil-kant xerridt matul is-sekli, int kont taf ukoll l-istqarrijiet

mudlama tal-profeti fuq it-tbatija tal-qaddej ta' Alla f'din id-dinja. Fuq it-twelid fl-istalla ta' Betleħem idda d-dawl ta' l-anġli li wasslu l-bxara t-tajba lir-rgħajja, imma fl-istess ħin il-faqar ta' Alla f'din id-dinja kien jinħass wisq. Ix-xwejjaħ Xmun kellmek fuq is-sejf li kien sa jinfidlek qalbek (ara *Lq* 2: 35), semmielek is-sinjal li jmeruh kif kien sa jkun Ibnek f'din id-dinja. Meta mbagħad bdiet il-ħajja pubblika ta' Ġesù, kellek twarrab, biex tkun tista' tikber il-familja l-ġdida, li biex jibniha hu kien ġie u li kellha tikber bil-ħidma ta' dawk li kienu sa jisimgħu u jħarsu kelmtu (ara *Lq* 11: 27s). Minkejja l-kobor kollu u l-ferħ tal-bidu ta' l-attività ta' Ġesù, inti fis-sinagoga ta' Nazaret, kellek tgħix il-verità tal-kelma fuq "is-sinjal li jmeruh" (ara *Lq* 4: 28ss). Hekk rajt is-setgħa ostili dejjem tikber u ċ-ċaħda li bil-mod il-mod bdiet tidher madwar Ġesù sas-siegħa tas-salib, li fiha kellek tara s-Salvatur tad-dinja, il-werriet ta' David, l-Iben ta' Alla jmut bħal wieħed fallut, espost għaż-żebliħ, bejn id-delinkwenti. Imbagħad ilqajt il-kelma: "Mara, hawn hu ibnek!" (*Ġw* 19: 26). Mis-salib irċevejt missjoni ġdida. Mis-salib int sirt omm b'mod ġdid: omm dawk kollha li jridu jemmnu f'Ibnek Ġesù u jimxu warajh. Sejf in-niket nifidlek qalbek. Imma t-tama mietet? Id-dinja baqgħet għal

dejjem bla dawl, il-ħajja bla għan? F'dik is-siegħa aktarx li fik innifsek erġajt smajt il-kelma ta' l-anġlu, li biha kien wieġeb għall-biża' tiegħek fil-waqt tat-tħabbira: "La tibżax, Marija!" (*Lq* 1: 30). Kemm drabi l-Mulej, Ibnek, qal l-istess ħaġa lid-dixxipli tiegħu: La tibżgħux! Fil-lejl tal-Golgota, int erġajt smajt din il-kelma. Lid-dixxipli tiegħu, qabel is-siegħa tat-tradiment, hu qalilhom: "Agħmlu l-qalb: jiena rbaħt id-dinja!" (*Ġw* 16: 33). "Tħallux qalbkom titħawwad u anqas titbeżża'" (*Ġw* 14: 27). "La tibżax, Marija!" Fis-siegħa ta' Nazaret l-anġlu kien qallek ukoll: "Is-saltna tiegħu ma jkollhiex tmiem" (*Lq* 1: 33). Kienet forsi mitmuma qabel bdiet? Le, ħdejn is-salib, fuq il-kelma nfisha ta' Ġesù, int sirt omm dawk li jemmnu. F'din il-fidi, li anki fid-dlam tas-Sibt Qaddis tal-Għid kienet ċertezza tat-tama, int mort tilqa' l-għodwa tal-Għid. Il-ferħ tal-qawmien messlek qalbek u għaqqdek b'mod ġdid mad-dixxipli, iddestinati biex isiru familja ta' Ġesù permezz tal-fidi. B'hekk int kont f'nofs il-komunità ta' dawk li jemmnu, li fil-jiem ta' wara Tlugħ is-Sema kienu jitolbu lkoll flimkien biex jingħatalhom id-don ta' l-Ispirtu s-Santu (ara *Atti* 1: 14) u rċevewh dakinhar ta' Għid il-Ħamsin. Is-"saltna" ta' Ġesù kienet differenti minn kif setgħu jaħsbuha l-bnedmin. Dis-"saltna" bdiet f'dik is-siegħa u qatt

ma kien sa jkollha tmiem. U hekk int tibqa' f'nofs id-dixxipli bħala Ommhom, bħala Omm it-tama. Qaddisa Marija, Omm Alla, Omm tagħna, għallimna nemmnu, nittamaw u nħobbu flimkien miegħek. Urina t-triq lejn is-saltna tiegħu! Kewkba tal-baħar, iddi fuqna u mexxina fil-mixi tagħna!

Mogħti f'Ruma, f'San Pietru, nhar it-30 ta' Novembru, festa ta' Sant'Andrija Appostlu, tas-sena 2007, it-tielet waħda tal-Pontifikat.

BENEDICTUS PP. XVI

# WERREJ


Daħla [1] .......... 5

Il-fidi hija tama [2-3] .......... 5

Il-kunċett ta' tama mibnija fuq il-fidi
fit-testment il-Ġdid u fil-Knisja
ta' l-ewwel żminijiet [4-9] .......... 10

Il-ħajja ta' dejjem - x'inhi? [10-12] .......... 23

It-tama Nisranija
hi individwalistika? [13-15] .......... 29

Il-bidla tal-fidi-tama Nisranija
fiż-żmien modern [16-23] .......... 33

Is-sura vera tat-tama Nisranija [24-31] .......... 45

Mezzi ta' tagħlim u taħriġ tat-tama ................. 56
I. It-talb bħala skola ta' tama [32-34] ..................... 56
II. L-għemil u t-tbatija bħala mezzi li minnhom nitgħallmu t-tama [35-40] ..................................... 61
III. Il-Ġudizzju bħala mezz ta' tagħlim u ta' taħriġ tat-tama [41-48] .................................. 72

Marija, kewkba tat-tama [49-50] ..................... 87